

# Rapport Analitiku

Nru  
**09**

MT

## Id-Difiża Ewropea



IL-QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI

2019

# Werrej

	Paragrafu
<b>Sommarju eżekuttiv</b>	I-XII
<b>Introduzzjoni</b>	01-08
Sfond	01-03
Dan ir-rapport analitiku	04-08
<b>1. Difiża: ir-rwol ewleni tal-Istati Membri</b>	09-73
<b>1.1 Difiża: dominju uniku fil-qafas ġuridiku u istituzzjonali tal-UE</b>	09-36
Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar id-difiża fit-Trattati	09-19
Partijiet ikkonċernati ewlenin u arranġamenti ta' governanza	20-27
Operazzjonijiet u missjonijiet tal-PSDK	28
Il-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża fl-Ewropa u lil hinn	29-36
<b>1.2 Żviluppi reċenti fil-livell tal-UE: livell ġdid ta' ambizzjoni</b>	37-54
L-Istrateġija Globali tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża	37-40
Infiq fid-difiża fl-UE	41-54
<b>1.3 Riskji assoċjati mal-ambizzjoni l-ġdida ta' difiża tal-UE</b>	55-73
Ambizzjoni għall-politika ta' difiża tal-UE	56-68
Koerenza man-NATO	69-73
<b>2. Kapaċitajiet u industriji tad-difiża tal-Istati Membri tal-UE: sfidi għall-pożizzjoni mondjali</b>	74-141
<b>2.1 Punti ta' forza u dgħufijiet tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri</b>	75-91
Kejl tal-kapaċitajiet militari	75-78
Indikaturi kwantitattivi	79-81
Analiżi kwalitattiva	82-88
L-impatt tal-Brexit	89-91
<b>2.2 Karatteristiċi ewlenin tal-industrija tad-difiża Ewropea</b>	92-113
Is-settur tad-difiza	92-94
Xejriet ewlenin	95-97
Ix-xenarju industrijali tad-difiża Ewropea	98-100

Min-naħa tad-domanda: l-Istati Membri	101-106
Min-naħa tal-provvista: l-industrija	107-113
<b>2.3 Tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-livell tal-UE</b>	114-127
Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet	115-116
CARD	117-119
PESCO	120-123
Il-Fond Ewropew għad-Difiża	124-127
<b>2.4 Riskji ta' prestazzjoni assoċjati mal-programmi ta' difiża tal-UE</b>	128-141
Proċess ta' ppjanar effettiv tal-UE	129-132
Il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri	133-135
L-impatt fuq il-ħtiġijiet reali ta' kapaċità	136-137
Il-qafas ta' governanza u ta' obbligu ta' rendikont	138-141
<b>Osservazzjonijiet finali</b>	142-144
<b>Anness I — Kronoloġija</b>	
<b>Anness II — Il-qafas istituzzjonali tad-difiża Ewropea: dominju kumpless u b'ħafna atturi</b>	
<b>Anness III — Prijoritajiet ta' kapaċità identifikati f'dokumenti ewlenin tal-UE, 2013-2019</b>	
<b>Anness IV — Karatteristiċi ewlenin tas-sottosetturi tal-industrija tad-difiża tal-UE (Ajrupazjali, Art, Navali) 1/2</b>	
<b>Anness IV — Karatteristiċi ewlenin tas-sottosetturi tal-industrija tad-difiża tal-UE (Ajrupazjali, Art, Navali) 2/2</b>	
<b>Anness V — Analiżi SWOT – EDTIB</b>	
<b>Anness VI — Arranġamenti prinċipali tal-awditjar fil-qasam tad-Difiża tal-UE</b>	
<b>Akronimi u abbrevjazzjonijiet</b>	

## Sommarju eżekuttiv

**I** Id-difiża hija dominju speċifiku, fil-qalba tas-sovranità nazzjonali tal-Istati Membri. Għall-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE, id-difiża Ewropea tikkonsisti prinċipalment f'żewġ saffi importanti: il-kapaċità ta' awtodifiża tal-Istati Membri u d-difiża kollettiva offruta min-NATO. It-Trattat dwar l-UE jissottolinja n-natura unika tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), billi jnaqqax ir-rwol ta' tmexxija tal-Istati Membri u jinkludi bosta limitazzjonijiet fuq l-azzjoni tal-UE f'dan il-qasam.

**II** Sa ftit taż-żmien ilu, l-azzjoni limitata fil-qasam tad-difiża fil-livell tal-UE baqgħet limitata u sal-lum ma teżistix Unjoni Ewropea tad-Difiża. Madankollu, bi tweġiba għall-isfidi li joħloq ambjent globali ġdid, l-UE niedet inizjattivi ġodda biex issaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Għall-perjodu 2021-2027, il-Kummissjoni pproponiet li żżid in-nefqa fuq proġetti ta' riċerka u żvilupp relatati mad-difiża minn EUR 590 miljun għal EUR 13-il biljun. Dan jirrappreżenta żieda ta' 22 darba meta mqabbel maċ-ċiklu attwali ta' seba' snin.

**III** Dan poġġa d-difiża b'mod ċar fiċ-ċentru tal-attenzjoni tal-QEA, billi żieda sinifikanti u rapida bħal din fil-finanzjament tinvolvi riskji ta' prestazzjoni. Id-difiża tinvolvi l-ħolqien ta' kapaċitajiet militari reali, li għandhom potenzjal ċar biex jiskoraġġixxu t-tħeddiet possibbli u tirrappreżenta stat ta' tħejjija għall-azzjoni meta jkun meħtieġ.

**IV** Għaldaqstant, il-QEA ħejjiet dan ir-rapport analitiku, li jikkonsisti f'rieżami analitiku bbażat fuq informazzjoni pubblikament disponibbli. Huwa jiffoka b'mod speċifiku fuq (i) il-qafas ġuridiku, istituzzjonali u finanzjarju fil-qasam tad-difiża u (ii) is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-kapaċitajiet u l-industriji tad-difiża tal-Istati Membri. Huwa għandu l-għan li jissottolinja wħud mir-riskji prinċipali assoċjati mal-livell ġdid ta' ambizzjoni li qed jintwera mill-UE u maż-żieda proposta fil-finanzjament.

**V** L-inizjattivi tal-UE relatati mal-qasam tad-difiża jirrappreżentaw tentattivi f'qasam li l-UE ftit li xejn kellha esperjenza fih fl-imgħoddi. Sal-lum, hemm ir-riskju li jista' jkun li ma ġewx stabbiliti miri adegwati u jista' jkun li ma hemmx fis-seħħ sistemi xierqa biex jakkomodaw żieda bħal din fl-infiq tal-UE u l-livell ġdid ta' ambizzjoni stabbilit fl-Istrateġija Globali tal-UE.

**VI** Hemm differenzi strateġiċi ċari bejn Stat Membru tal-UE għal ieħor. B'mod partikolari, huma ma għandhomx perċezzjoni komuni tat-tħeddiet u lanqas viżjoni komuni tar-rwol tal-UE. Barra minn hekk huma għandhom regoli differenti tal-involvement u firxa wiesgħa ta' fehmiet dwar l-użu tal-forza militari. F'kuntest bħal dan,

xi wħud mill-kunċetti, bħal dawk tal-“awtonomija strateġika” jew l-“armata Ewropea”, huma wesgħin u vagi.

**VII** Il-koerenza tal-inizjattivi tal-UE u tas-sinerġiji ma’ oqfsa oħra, b’mod partikolari ma’ dak tan-NATO, hija essenzjali. L-UE u n-NATO jiffaċċjaw sfidi komuni fil-qasam tas-sigurtà u għalhekk jikkondividu interessi komuni relatati mad-difiża. Għal 22 Stat Membru, in-NATO tibqa’ l-qafas primarju f’dak li għandu x’jaqsam mad-difiża kollettiva. L-Istati Membri tal-UE għandhom sett uniku ta’ forzi; għalhekk, sabiex jiġi evitat l-użu ineffiċjenti tal-flus tal-kontribwenti, il-kapaċità tal-UE li tikkomplementa lin-NATO u b’hekk tevita d-duplikazzjoni u t-trikkib ta’ funzjonijiet huwa punt kritiku kif ukoll prijorità ewlenija għall-futur qrib.

**VIII** Madankollu, it-tnaqqis sinifikanti u mhux ikkoordinat fil-baġits għad-difiża tal-Istati Membri, flimkien man-nuqqas ta’ investment, affettwa l-kapaċitajiet militari tagħhom. Attwalment, l-Istati Membri tal-UE huma ’l bogħod milli jkollhom il-kapaċitajiet militari meħtieġa biex jilħqu l-livell ta’ ambizzjoni militari tal-UE. Il-Brexit se jiggrava din is-sitwazzjoni, billi r-Renju Unit huwa responsabbli għal madwar kwart tan-nefqa totali għad-difiża tal-Istati Membri tal-UE.

**IX** Għalkemm in-nefqa tal-UE fid-difiża hija mistennija li tiżdied fil-futur qrib, din hija minuri (madwar EUR 3 biljun bħala medja fis-sena) meta mqabbla man-nefqa militari ġenerali tal-Istati Membri. Huwa stmat li jkun meħtieġa bosta mijiet ta’ biljuni ta’ euro biex tingħeleb id-diskrepanza fil-kapaċitajiet kieku l-Ewropa kellha tiddefendi ruħha mingħajr assistenza minn barra. Anki jekk tintlaħaq biss il-linja gwida ta’ 2 % tal-PDG, il-Membri tal-UE, li huma wkoll membri tan-NATO, iridu jinvestu EUR 90 biljun addizzjonali fis-sena, jiġifieri żieda ta’ madwar 45 % meta mqabbel mal-livell ta’ nfiq tagħhom tal-2017.

**X** Fir-rigward tal-impatt tal-inizjattivi l-ġodda tal-UE u ż-żieda rapida assoċjata fl-infiq, bosta kundizzjonijiet ewlenin għadhom mhumiex fis-seħħ jew għadhom mhumiex magħrufa, b’mod partikolari:

- proċess ta’ ppjanar effettiv fuq livell tal-UE;
- il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri;
- l-impatt fuq il-ħtiġijiet reali f’dak li jirrigwarda l-kapaċità;
- il-qafas ta’ governanza u ta’ obbligu ta’ rendikont.

**XI** Il-każ għal kooperazzjoni akbar tal-UE b'rabta mas-sigurtà u d-difiża kien appoġġat minn konsiderazzjonijiet ta' natura ekonomika u industrijali. It-tentattivi preċedenti tal-UE biex tappoġġa l-istabbiliment ta' suq Ewropew miftuħ u kompetittiv tat-tagħmir tad-difiża ma kellhomx suċċess. Il-kooperazzjoni limitata bejn l-Istati Membri wasslet għal ineffiċjenzi fis-settur tad-difiża tal-UE, u b'hekk heddet il-kompetittività globali tal-industrija u l-kapaċità tagħha li tiżviluppa l-kapaċitajiet militari meħtieġa. Madankollu, iż-żieda sinifikanti fil-finanzjament biex jiġu appoġġati attivitajiet ta' riċerka u żvilupp orjentati lejn id-difiża turriskja wkoll li ssir eżerċizzju mingħajr ebda impatt reali fuq il-kompetittività tal-industrija tad-difiża Ewropea.

**XII** Sabiex isir kontribut biex titjeb il-kapaċità ta' difiża fl-Ewropa jenħtieġ li wieħed imur lil hinn mid-diskors u jwettaq implimentazzjoni effettiva ta' inizjattivi reali, bil-għan li tiġi appoġġata l-kompetittività tal-industrija tad-difiża Ewropea u jissaħħu l-kapaċitajiet militari tal-Istati Membri f'komplementarjetà sħiħa man-NATO. Fl-aħħar mill-aħħar, is-suċċess u l-ġejjieni tal-UE fil-qasam tad-difiża jiddependu kompletament fuq ir-rieda politika tal-Istati Membri, billi huma għandhom ir-rwol ċentrali fl-arkitettura tad-difiża tal-Ewropa.

# Introduzzjoni

## Sfond

**01** L-iżviluppi internazzjonali reċenti wasslu lill-mexxejja Ewropej biex jerġgħu jikkunsidraw id-difiża bħala qasam ewlieni ta' politika, f'konformità mal-aspettattivi taċ-ċittadini Ewropej li dejjem qed jikbru f'dak li jirrigwarda s-sigurtà<sup>1</sup>. F'dawn l-aħħar snin, l-annessjoni tal-Krimea mir-Russja, ir-relazzjoni transatlantika li qed tevolvi, l-intensifikazzjoni u d-diversifikazzjoni tat-theddidiet għas-sigurtà, u r-ritorn tal-kompetizzjoni tal-Potenzi l-Kbar, taw spinta ġdida lill-kooperazzjoni tal-UE fil-qasam tad-difiża.

**02** Il-każ għal kooperazzjoni akbar tal-UE b'rabta mas-sigurtà u d-difiża kien appoġġat wkoll minn konsiderazzjonijiet ta' natura ekonomika. Il-fatt huwa li d-difiża għandha dimensjoni ekonomika u industrijali b'saħħitha. Il-kooperazzjoni limitata bejn l-Istati Membri, flimkien mat-tnaqqis fil-baġits tagħhom għad-difiża mill-2005, wasslu għal ineffiċjenzi fis-settur tad-difiża tal-UE, u b'hekk hedde l-kompetittività globali tal-industrija u l-kapaċità tagħha li tiżviluppa l-kapaċitajiet militari meħtieġa<sup>2</sup>.

**03** F'dan il-kuntest, l-Istrateġija Globali tal-UE tal-2016 u l-Pjan ta' Implimentazzjoni tagħha dwar is-Sigurtà u d-Difiża stabbilew livell ogħla ta' ambizzjoni għall-UE u l-Istati Membri tagħha, bl-oġġettiv li jippromwovu Ewropa aktar b'saħħitha. Abbażi ta' dan il-livell ġdid ta' ambizzjoni, f'dawn l-aħħar snin ġew żviluppanti bosta inizjattivi u mekkaniżmi relatati mad-difiża (ara l-[Anness I](#)). L-għan ta' dan ir-rapport analitiku huwa li jeżamina x-xenarju attwali tal-kooperazzjoni tal-UE fil-qasam tad-difiża bil-għan li jipprovdi stampa ġenerali tal-politika ta' difiża tal-UE u l-ambjent speċifiku li fih tiġi pprovduta.

## Dan ir-rapport analitiku

**04** Dan ir-rapport analitiku huwa rieżami analitiku bbażat fuq informazzjoni disponibbli għall-pubbliku. L-għan tiegħu mhuwiex li jipprovdi deskrizzjoni storika tat-

<sup>1</sup> *Eurobarometer*, Nru 90, Novembru 2018.

<sup>2</sup> Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja d-dokument "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża", SWD(2018) 345 final, 13.6.2018.

tfassil tal-politika ta' difiża tal-UE, iżda jiffoka fuq is-sitwazzjoni attwali u l-prospetti għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) il-ġdid.

**05** Dan ir-rapport analitiku għandu l-għan li jikkontribwixxi għar-riflessjoni strateġika, u b'hekk jipprovdi kontribut għall-koleġislaturi u jżid is-sensibilizzazzjoni fost il-pubbliku u partijiet ikkonċernati oħra. Huwa jippermetti wkoll lill-QEA tikseb għarfien u tiżviluppa ħiliet interni għax-xogħol futur tal-awditjar f'dan il-qasam.

**06** Fl-ewwel parti, aħna nippreżentaw stampa ġenerali tal-qafas ġuridiku, istituzzjonali u finanzjarju assoċjat mal-politika ta' difiża tal-UE. Fit-tieni parti, aħna niffukaw fuq id-difiża tal-UE, kemm minn perspettiva ta' kapaċità kif ukoll mil-lat industrijali, bil-għan li nippreżentaw xi wħud mill-inizjattivi reċenti meħuda fil-livell tal-UE. Fid-dokument kollu, aħna nissottolinjaw l-isfidi għat-twettiq ta' politika effettiva kif ukoll ir-riskji prinċipali marbutin mal-ambizzjonijiet u l-inizjattivi l-aktar reċenti tal-UE, u ż-żieda proposta fil-finanzjament tad-difiża fil-livell tal-UE.

**07** Il-fatti ppreżentati f'dan ir-rapport analitiku jidderivaw minn:

- analiżi dokumentarja, li tinkludi dokumenti tal-UE u pubblikazzjonijiet minn sorsi oħra (gruppi ta' riflessjoni, istituti tar-riċerka, esperti, eċċ.);
- intervisti ma' persunal minn istituzzjonijiet u korpi tal-UE, u minn istituzzjonijiet u korpi oħra (eż. in-NATO u gruppi ta' riflessjoni).

**08** Ir-rapport analitiku jieħu kont tal-iżviluppi fil-qasam tal-politika ta' difiża tal-UE sas-17 ta' Ġunju 2019. Il-Kummissjoni Ewropea, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża ngħataw l-opportunità biex jikkumentaw dwar dan id-dokument f'forma ta' abbozz. L-opinjonijiet espressi f'dan ir-rapport analitiku mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-istituzzjonijiet u l-korpi msemmija hawn fuq.

# 1. Difiża: ir-rwol ewlieni tal-Istati Membri

## 1.1 Difiża: dominju uniku fil-qafas ġuridiku u istituzzjonali tal-UE

### Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar id-difiża fit-Trattati

#### Il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni

**09** Il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) hija parti integrali mill-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK). Il-PSDK hija definita mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u għandha l-għan li tipprovdi lill-UE b' "kapaċità operattiva billi tagħmel użu minn riżorsi ċivili u militari. L-Unjoni tista' tużahom f' missjonijiet barra mill-Unjoni għaż-żamma tal-paċi, għall-prevenzjoni ta' konflitti u sabiex tissaħħaħ is-sigurtà internazzjonali skont il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti"<sup>3</sup>. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom l-obbligu ta' għajjnuna u assistenza reċiproka jekk wieħed minnhom ikun "il-vittma ta' aggressjoni armata fuq it-territorju tiegħu"<sup>4</sup>.

**10** Aspett fundamentali tal-PESK, inkluża l-PSDK, huwa n-natura intergovernattiva tagħha, bir-rwol ewlieni ta' tmexxija li jiżvolġu l-Istati Membri. Il-politiki esteri u ta' difiża huma perċepiti bħala setgħat prinċipalment eżekuttivi u bħala simboli b'saħħithom u essenzjali tas-sovranià nazzjonali<sup>5</sup>. It-TUE jissottolinja n-natura unika tal-PSDK, li hija soġġetta għal regoli u proċeduri speċifiċi.

**11** B'mod partikolari, ir-rwol tal-istituzzjonijiet tal-UE fil-PSDK huwa differenti minn politiki oħra tal-UE li jiġu implimentati fil-qafas istituzzjonali tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (ara l-paragrafu 19). Il-Kummissjoni ma

<sup>3</sup> L-Artikolu 42(1) tal-Verżjoni konsolidata tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) ĠU C 326, 26.10.2012.

<sup>4</sup> Franza użat il-klawżola tal-assistenza reċiproka (l-Artikolu 42(7) TUE) għall-ewwel darba wara l-attakki terroristiċi f'Pariġi fl-2016.

<sup>5</sup> Is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, Unlocking the potential of the EU Treaties - An article-by-article analysis of the scope for action (Sfruttar tal-potenzjal tat-Trattati tal-UE - Analizi artikolu b'artikolu tal-possibiltajiet ta' azzjoni), Jannar 2019.

għandha ebda dritt ta' inizjattiva<sup>6</sup> u l-Parlament Ewropew ma għandu ebda setgħa leġiżlattiva. Barra minn hekk, b'eċċezzjonijiet limitati<sup>7</sup>, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma għandha ebda ġurisdizzjoni fuq il-PSDK<sup>8</sup>.

**12** It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jinkludi diversi limitazzjonijiet fuq l-azzjoni tal-PSDK tal-UE. L-ewwel limitu importanti huwa r-rispett għall-“obbligi ta' wħud mill-Istati Membri<sup>9</sup>, li jaraw id-difiża komuni tagħhom imwettqa fin-NATO”<sup>10</sup>. Id-dispożizzjonijiet tal-PSDK ma għandhomx jippreġudikaw in-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri, pereżempju fir-rigward tan-newtralità.

**13** It-tieni, arranġamenti speċifiċi jippermettu lill-Istati Membri li ma jipparteċipawx fil-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża. Din il-possibiltà ntużat mid-Danimarka, li għandha klawsola ta' nonparteċipazzjoni<sup>11</sup> u għaldaqstant ma tipparteċipax fil-PSDK.

**14** It-tielet, it-TUE jillimita l-użu tal-baġit tal-UE għas-settur tad-difiża. B'mod partikolari, il-baġit tal-UE ma jistax jiffinanzja “l-ispiża li tinħoloq minn operazzjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża”<sup>12</sup>. Dan japplika, pereżempju, għanefqa fuq operazzjonijiet militari li tinġarr mill-Istati Membri parteċipanti (ara l-paragrafu 49). Barra minn hekk, l-Istati Membri jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-UE kapaċitajiet ċivili u militari għall-finijiet ta' implimentazzjoni tal-PSDK, iżda l-UE ma jistax ikollha assi militari fil-pussess tagħha.

---

<sup>6</sup> Skont l-Artikolu 42(4) tat-TUE, id-deċiżjonijiet dwar il-PSDK għandhom jiġu adottati “fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jew fuq inizjattiva minn Stat Membru.”

<sup>7</sup> B'mod partikolari, meta tiġi rieżaminata l-legalità tal-miżuri restrittivi meħuda mill-Kunsill kontra individwi u persuni ġuridiċi, jew meta tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-PESK mill-istituzzjonijiet tal-UE li “m'għandhiex tolgot l-applikazzjoni tal-proċeduri u l-firxa rispettiva tal-kompetenzi tal-istituzzjonijiet stabbiliti fit-Trattati għall-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-Unjoni”.

<sup>8</sup> L-Artikolu 24(1) tat-TUE.

<sup>9</sup> 22 Stat Membru tal-UE huma alleati tan-NATO.

<sup>10</sup> L-Artikolu 42(2)(2) tat-TUE.

<sup>11</sup> Il-Protokoll 22 dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-TUE.

<sup>12</sup> L-Artikolu 41(2) tat-TUE.

**15** Ir-raba', minħabba l-preċedenza tas-sovranità nazzjonali, ġeneralment tkun meħtieġa l-unanimità biex tiġi adottata deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-PSDK<sup>13</sup>. L-Istati Membri għalhekk għandhom is-setgħa tal-veto u jistgħu jimblukkaw jew jillimitaw id-deċiżjonijiet meħuda fil-livell tal-UE.

**16** Il-ħames, it-Trattat jillimita espliċitament l-ambitu tal-PSDK għal “missjonijiet barra mill-Unjoni”<sup>14</sup>. Il-fokus operattiv tal-PSDK għalhekk huwa fuq kriżijiet u kunflitti esterni, pjuttost milli fuq id-difiża territorjali tal-Ewropa, li, għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, taqa' taħt ir-responsabbiltà tan-NATO.

**17** Id-dispożizzjonijiet dwar il-PSDK fit-TUE jipprovdu l-bażi ġuridika għal “tfassil progressiv ta' politika ta' difiża komuni tal-Unjoni”, l-oġettiv ikun li “twassal għal difiża komuni”<sup>15</sup>. Dan jiddependi fuq l-Istati Membri li jiddeċiedu b'mod unanimu li jżidu l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' difiża fil-qafas tal-UE.

**18** It-TUE jippreżenta wkoll opportunitajiet li ma ntużawx sa issa<sup>16</sup>, bħat-tħaffif tal-finanzjament tal-PSDK u l-istabbiliment ta' missjonijiet taħt il-PSDK<sup>17</sup>. Għall-missjonijiet ċivili, il-Kunsill jista' jistabbilixxi “proċeduri speċifiċi sabiex jiggarantixxi aċċess b'ħeffa għal approprjazzjonijiet fil-baġit tal-Unjoni [...] b'mod partikolari għall-attivitajiet preparatorji”. Għat-tħejjija ta' operazzjonijiet militari, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu “fond ta' tnedija” kollettiv. Sa issa, madankollu, il-Kunsill ma attiva l-ebda wieħed minn dawn l-istrumenti.

### **Politiki tal-UE relatati mad-difiża taħt it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

**19** L-azzjoni tal-UE fid-difiża tista' tinkludi wkoll dimensjoni industrijali fejn l-oġettiv tal-UE huwa li tappoġġa l-iżvilupp ta' Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea

<sup>13</sup> L-Artikolu 42(4) tat-TUE, b'eċċezzjonijiet għall-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u t-tnedija tal-PESCO.

<sup>14</sup> L-Artikolu 42(1) tat-TUE.

<sup>15</sup> L-Artikolu 42(2) tat-TUE.

<sup>16</sup> Għal analiżi dettaljata, ara “Unlocking the potential of the EU Treaties - An article-by-article analysis of the scope for action” (Sfruttar tal-potenzjal tat-Trattati tal-UE - Analizi artikolu b'artikolu tal-possibiltajiet ta' azzjoni), Is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, Jannar 2019.

<sup>17</sup> L-Artikolu 41(3) tat-TUE.

(EDTIB) b'saħħitha u kompetittiva. F'dan ir-rigward, l-atti legali relatati mal-politiki tal-UE, eż. għas-suq intern, ir-riċerka u l-industrija, huma regolati mit-TFUE.

## Partijiet ikkonċernati ewlenin u arranġamenti ta' governanza

**20** Il-qafas istituzzjonali u l-arranġamenti ta' governanza assoċjati mad-difiża Ewropea huma kumplessi, u jinvolvu netwerk estensiv ta' partijiet ikkonċernati kemm tal-UE kif ukoll mhux tal-UE. In-natura intergovernattiva tal-PSDK hija murija mir-rwol ewleni li għandhom l-Istati Membri, u għalhekk mill-Kunsill Ewropew u l-Kunsill tal-UE f'dan il-qasam (ara l-*Anness II*).

**21** Il-Kunsill Ewropew, bħala l-ogħla korp tal-UE, jistabbilixxi d-direzzjonijiet u l-prijoritajiet politiċi ġenerali. Huwa jaħtar ukoll ir-Rappreżentant Għoli biex jimplimenta l-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, li tinkludi l-PSDK. F'Diċembru 2013, il-Kunsill Ewropew organizza dibattitu tematiku dwar id-difiża għall-ewwel darba<sup>18</sup>. Minn dak iż-żmien, il-kooperazzjoni Ewropea f'dan il-qasam kienet punt kontinwu fuq l-aġenda tiegħu<sup>19</sup>.

**22** Il-Kunsill tal-UE huwa responsabbli biex jieħu d-deċiżjonijiet dwar il-PSDK. Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, il-Kunsill jaġixxi b'mod unanimu. Ma hemm ebda Kunsill speċifiku għad-Difiża, iżda l-ministri tad-difiża jiltaqgħu f'konfigurazzjoni speċjali tal-Kunsill Affarijiet Barranin, u jibbażaw fuq il-parir minn bosta korpi preparatorji<sup>20</sup>.

**23** Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ/VP) huwa responsabbli biex jagħmel proposti u jimplimenta d-deċiżjonijiet dwar il-PSDK. Biex jagħmel dan, l-RGħ/VP huwa assistit mid-dipartimenti u l-korpi rilevanti tal-SEAE, jiġifieri l-Istat Maġġur tal-Unjoni Ewropea (EUMS), id-Direttorat għall-Maniġġar ta' Kriżijiet u l-Ippjanar, il-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija (CPCC), u l-

<sup>18</sup> Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19-20.12.2013, EUCO 217/13.

<sup>19</sup> "The European Council's 'rolling aġenda' on European defence cooperation" (L-aġenda kontinwa tal-Kunsill Ewropew dwar il-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tad-difiża), *Briefing tal-EPRS*, Ġunju 2018.

<sup>20</sup> Jiġifieri, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), il-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea (EUMC), il-Grupp Politiku/Militari (PMG), u l-Kumitat għall-Aspetti Ċivili tal-Maniġġar ta' Kriżijiet (CIVCOM).

Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija (MPCC)<sup>21</sup>. L-RGħ/VP huwa wkoll il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea u bħala tali, jikkoordina u jiżgura l-konsistenza fil-politika barranija tal-UE. Fil-Kummissjoni, is-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI) jiffinanzja missjonijiet ċivili taħt il-PSDK. L-FPI jaqa' taħt l-awtorità diretta tar-RGħ/VP, u jaħdem mill-qrib mas-SEAE.

**24** B'mod parallel, rwol sinifikanti tal-Kummissjoni huwa li tippromwovi l-kompetittività tal-industrija tad-difiża Ewropea (ara l-paragrafi **46** u **124-127**). Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern (DG GROW) huwa d-DG ewlieni u huwa responsabbli wkoll għas-suq uniku tad-difiża.

**25** Tliet aġenziji huma involuti fil-PSDK: l-EDA, l-Istitut tal-Unjoni Ewropea għall-Istudji fuq is-Sigurtà, u ċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea. Fost dawn, l-EDA, li nħolqot fl-2004, għandha rwol ċentrali. Hija tappoġġa lill-Kunsill u lill-Istati Membri fil-isforzi tagħhom biex itejbu l-kapaċitajiet ta' difiża tal-Unjoni fil-qasam tal-ġestjoni ta' kriżijiet u ssostni l-PSDK. L-EDA hija mmexxija mill-RGħ/VP u għandha tliet rwoli ewlenin<sup>22</sup>:

1. strument intergovernattiv ewlieni ta' prijoritizzazzjoni fil-livell tal-UE biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-kapaċità;
2. forum ta' kooperazzjoni u struttura ta' appoġġ għall-maniġment preferuti fil-livell tal-UE biex l-Istati Membri parteċipanti jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' żvilupp tat-teknoloġija u tal-kapaċità;
3. operatur ċentrali fir-rigward tal-attivitajiet relatati mad-difiża ffinanzjati mill-UE.

**26** Ir-rwol tal-Parlament Ewropew fil-PSDK huwa limitat. Huwa għandu sottokomitati iddedikat għas-Sigurtà u d-Difiża u jiġi kkonsultat b'mod regolari dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet bażiċi tal-PSDK. Il-Parlament Ewropew jivvaluta b'mod regolari l-

<sup>21</sup> L-MPCC huwa kwartieri ġenerali operattiv permanenti stabbilit fl-2017. Huwa responsabbli fil-livell strateġiku għall-ippjanar u t-tmexxija operattivi ta' missjonijiet militari mhux eżekuttivi tal-UE. Attwalment hemm tliet missjonijiet ta' taħriġ tal-UE: fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, fil-Mali u fis-Somalja. Fid-19 ta' Novembru 2018, il-Kunsill qabel li jkabbar l-ambitu tal-MPCC biex ikun jista' jwettaq operazzjoni militari eżekuttiva waħda limitata għad-daqs tal-grupp tattiku tal-UE (truppi ta' madwar 2 000) sal-2020.

<sup>22</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) Nru 2015/1835 tat-12 ta' Ottubru 2015 tiddefinixxi l-istatut, is-sede u r-regoli operazzjonali tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża. F'Mejju 2017, il-Ministri tad-Difiża approvaw il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rieżami fit-tul tal-EDA, u b'hekk irrinforzaw ir-rwol tal-Aġenzija.

progress fil-PSDK u jista' jissottometti rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill jew lill-RGħ/VP. Barra mill-PSDK, il-Parlament Ewropew, bħala koleġiżlatur, jiskrutinja l-programmi ta' kapaċità u ta' riċerka dwar id-difiża ffinanzjati mill-baġit tal-UE, bħall-Fond Ewropew għad-Difiża li ġie propost (ara l-paragrafu 124). Madankollu, huwa għandu influwenza limitata fl-istadji l-aktar bikrija tal-proċess ta' ppjanar tad-difiża tal-UE<sup>23</sup>.

**27** Id-drittijiet ta' awditjar tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) huma marbutin prinċipalment mas-sorsi ta' finanzjament tal-komponenti differenti tal-PSDK. Il-QEA ma għandhi mandat biex tawditja l-operazzjonijiet militari tal-PSDK. L-istess japplika għall-EDA, il-proġetti ffinanzjati tagħha u n-nefqa operazzjonali tal-PSDK imħallsa mill-Istati Membri; dawn jiġu awditjati minn Kulleġġi tal-Awdituri ddedikati. B'kuntrast, il-proġetti relatati mad-difiża ffinanzjati mill-baġit tal-UE huma soġġetti għall-awditu tal-QEA. Dan huwa l-każ ukoll għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK, li huma ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-UE u li dwarhom il-QEA ħarġet żewġ rapporti speċjali f'dawn l-aħħar snin<sup>24</sup>.


## Operazzjonijiet u missjonijiet tal-PSDK

**28** Il-komponent operazzjonali tal-PSDK ħa l-forma ta' 35 missjoni u operazzjonijiet ċivili u militari skjerati mill-2003 'l hawn madwar id-dinja kollha. Hemm differenzi importanti fl-oġġettivi, fit-tmexxija u fil-finanzjament ta' dawn iż-żewġ tipi ta' missjonijiet. Il-missjonijiet u l-operazzjonijiet militari jinvolvu suldati li jiġu ssekondati mill-Istati Membri tal-UE biex itemmu l-vjolenza u jerġgħu jstabilixxu l-paċi. Fl-2017, l-UE wettqet 6 missjonijiet militari b'madwar 3 200 persunal militari. Il-missjonijiet ċivili jinvolvu persunal ċivili, issekondati prinċipalment mill-Istati Membri, bħal imħallfin jew uffiċjali tal-pulizija li jassistu fir-rikostruzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' pajjiż wara kunflitt billi jipprovdu taħriġ u konsulenza lill-awtoritajiet nazzjonali. Fl-2017, madwar 1 880 membru tal-persunal ħadu sehem f'10 missjonijiet ċivili (ara l-[Figura 1](#)).

<sup>23</sup> Daniel Fiott, *The Scrutiny of the European Defence Fund by the European Parliament and national parliaments* (L-Iskrutinju tal-Fond Ewropew għad-Difiża mill-Parlament Ewropew u mill-parlamenti nazzjonali), studju mitlub mis-Sottokumitat SEDE, April 2019.

<sup>24</sup> Ir-Rapport Speċjali Nru 15/2018 "Tisħiħ tal-kapaċità tal-forzi tas-sigurtà interna fin-Niġer u l-Mali: il-progress huwa limitat u miexi bil-mod" u r-Rapport Speċjali Nru 7/2015 "Il-missjoni tal-pulizija tal-UE fl-Afganistan: riżultati mħallta".

## Figura 1 – Lokalizzazzjoni u daqs tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK – Diċembru 2017



\* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

Sors: Il-QEA, ibbażat fuq l-SEAE, ir-Rapport Annwali dwar il-Missjonijiet u l-Operazzjonijiet tal-PSDK 2017 u l-Yearbook tas-Sigurtà Ewropea tal-EUISS 2018.

## Il-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża fl-Ewropa u lil hinn

**29** L-UE hija wieħed minn bosta oqfsa ta' kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża. Il-PSDK hija parti minn arkitettura Ewropea kumplessa ta' sigurtà u ta' difiża li hija ffurmata minn għadd kbir ta' oqfsa jew "raggruppamenti" ta' kooperazzjoni, f'livelli bilaterali jew multilaterali, barra l-qafas istituzzjonali tal-UE. F'dawn l-aħħar snin, dawn ir-raggruppamenti żviluppaw f'termini kemm kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi<sup>25</sup>. Dawn l-inizjattivi huma ta' natura u ta' daqs differenti, u joperaw kemm fil-qasam ta' (i) l-iżvilupp u l-akkwiżizzjoni ta' kapaċitajiet kif ukoll fil-qasam ta' (ii) l-operazzjonijiet.

<sup>25</sup> Dick Zandee, "Clusters: the drivers of European Defence" (Ir-raggruppamenti: l-ixpruni tad-Difiża Ewropea), *Nação e Defesa* Nru 150, 2018.

**30** Żewġ organizzazzjonijiet internazzjonali – in-NATO u n-Nazzjonijiet Uniti (NU) – għandhom rwol kruċjali fil-qasam taż-żamma tal-paċi u ta’ operazzjonijiet ċivili u militari oħra.

### In-NATO

**31** In-NATO hija l-aktar alleanza militari b’saħħitha fid-dinja. Il-kompiti ewlenin tagħha huma d-difiża, il-ġestjoni ta’ kriżijiet u s-sigurtà kooperattiva<sup>26</sup>. Il-prinċipju ta’ difiża kollettiva li jinvolvi l-assistenza reċiproka bejn l-alleati huwa mnaqqax fit-trattat fundatur tan-NATO<sup>27</sup>.

**32** Meta tiġi kkunsidrata s-sħubija sovrapposta tagħhom<sup>28</sup>, l-UE u n-NATO għandhom sfidi komuni fil-qasam tas-sigurtà u għalhekk għandhom interessi komuni f’dak li jirrigwarda d-difiża. Għall-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE, id-difiża Ewropea tikkonsisti prinċipalment f’żewġ saffi importanti: il-kapaċità ta’ awtodifiża tal-Istati Membri u d-difiża kollettiva offruta min-NATO. F’dan il-kuntest, il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO tikkostitwixxi pilastru integrali tal-ħidma tal-UE mmirata sabiex issaħħaħ is-sigurtà u d-difiża Ewropej<sup>29</sup>. Kif indikat fl-EUGS<sup>30</sup>, għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE, in-NATO tibqa’ l-qafas primarju f’dak li għandu x’jaqsam mad-difiża kollettiva. Fl-istess ħin, il-fatt li ċerti Stati Membri tal-UE mhumiex membri tan-NATO jfisser li għandu jkollhom obbligi differenti fir-rigward tal-Unjoni Ewropea tad-Difiża<sup>31</sup>. Dan ma jimpedix il-kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-UE li mhumiex membri tan-NATO milli tkun “parti integrali mill-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO”<sup>32</sup>.

<sup>26</sup> [https://www.nato.int/cps/en/natohq/topics\\_133127.htm](https://www.nato.int/cps/en/natohq/topics_133127.htm).

<sup>27</sup> L-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana.

<sup>28</sup> 22 Stat Membru tal-UE huma alleati tan-NATO, u 6 Stati Membri tal-UE (l-Awstrija, Ċipru, il-Finlandja, l-Irlanda, Malta u l-Iżvezja) mhumiex parti min-NATO, filwaqt li bosta membri tan-NATO mhumiex parti mill-UE (l-Albanija, il-Kanada, l-Iżlanda, il-Montenegro, in-Norveġja, it-Turkija u l-Istati Uniti).

<sup>29</sup> It-tielet rapport ta’ progress dwar l-implimentazzjoni tas-sett komuni ta’ proposti approvati mill-Kunsilli tal-UE u tan-NATO fis-6.12.2016 u fil-5.12.2017, Ġunju 2018.

<sup>30</sup> “L-Istrateġija Globali tal-UE għall-Politika Estera u ta’ Sigurtà”, Ġunju 2016.

<sup>31</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Ġunju 2018 dwar ir-relazzjonijiet UE-NATO, 2017/2276(INI).

<sup>32</sup> Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tielet rapport ta’ progress dwar l-implimentazzjoni tas-sett komuni ta’ proposti approvati mill-Kunsilli tal-UE u tan-NATO, Ġunju 2018.

**33** Biex twettaq il-kompiti tagħha ta' deterrenza u ta' difiża kollettiva, in-NATO għandha l-għan li tkopri l-ispettru kollu ta' kapaċitajiet, inklużi l-kapaċitajiet ta' difiża nukleari, konvenzjonali u tal-missili ballistiċi. Hija għandha linja ta' kmand politika-militari ċara appoġġata minn struttura ta' kmand komposta minn kwartieri ġenerali multinazzjonali permanenti fil-livelli ta' kmand strateġiċi, operazzjonali u ta' komponenti<sup>33</sup> b'persunal ta' madwar 6 800. Barra minn hekk, permezz tal-Istruttura tal-Forzi tan-NATO, il-pajjiżi Membri tan-NATO jipprovdu forzi u kwartieri ġenerali fuq bażi permanenti jew temporanja għall-iskop tal-operazzjonijiet tan-NATO.

**34** Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u n-NATO ġew formalizzati fl-2001 u wasslu biex tinbena sħubija strateġika. Wara d-dikjarazzjoni konġunta UE-NATO fl-2016<sup>34</sup>, attwalment qed jiġu implimentati sett ta' 74 miżura f'bosta oqsma indikati għal kooperazzjoni msaħħa: it-theddid ibridu, il-kooperazzjoni operattiva inklużi kwistjonijiet marittimi, iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża, il-kapaċitajiet ta' difiża, l-industrija tad-difiża u r-riċerka, l-eżerċizzji, it-tiżni tal-kapaċitajiet fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, u d-djalogu bejn l-UE u n-NATO.

#### **In-Nazzjonijiet Uniti**

**35** Minn mindu bdew il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK fl-2003, l-UE u n-Nazzjonijiet Uniti operaw bħala sħab fil-qasam tal-ġestjoni ta' kriżijiet u ż-żamma tal-paċi b'mezzi ċivili, polizjeski u militari. Il-biċċa l-kbira tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK fir-realtà qegħdin jitwettqu fl-istess żoni ġeografiki bħall-missjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti, u hekk jipprovdu l-bażi għal kooperazzjoni akbar. F'Settembru 2018, l-UE u n-Nazzjonijiet Uniti rrinforzaw is-sħubija strateġika tagħhom relatata mal-operazzjonijiet ta' paċi u mal-ġestjoni ta' kriżijiet għall-perjodu 2019-2021.

**36** B'mod kollettiv, l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar kontributori finanzjarji għas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti. Fl-2017, l-Istati Membri tal-UE ffinanzjaw aktar minn 31 % tal-baġit għall-operazzjonijiet ta' żamma tal-paċi li twettqu min-Nazzjonijiet Uniti<sup>35</sup>. Fl-2019, kważi 6 000 suldat, pulizija u esperti ġew skjerati mill-Istati Membri tal-UE, u kienu jammontaw għal madwar 6.5 % tal-persunal għaż-żamma

<sup>33</sup> "The NATO Command Structure" (L-Istruttura ta' Kmand tan-NATO), *Skeda Informattiva tan-NATO*, Frar 2018.

<sup>34</sup> <https://www.consilium.europa.eu/media/21481/nato-eu-declaration-8-july-en-final.pdf>. Fl-10.7.2018 ġiet iffirmata t-tieni dikjarazzjoni konġunta, [https://www.consilium.europa.eu/media/36096/nato\\_eu\\_final\\_eng.pdf](https://www.consilium.europa.eu/media/36096/nato_eu_final_eng.pdf).

<sup>35</sup> The European Union at the United Nations, *Fact sheet* (L-Unjoni Ewropea fin-Nazzjonijiet Uniti, Skeda Informattiva), 21.9.2018.

tal-paċi tan-Nazzjonijiet Uniti<sup>36</sup>. F’xi okkażjonijiet, b’hal fil-Bożnija-Ħerzegovina jew fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo aktar qabel, il-missjonijiet tal-UE ħadu post il-missjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti.

## 1.2 Żviluppi reċenti fil-livell tal-UE: livell ġdid ta’ ambizzjoni

### L-Istrateġija Globali tal-UE u l-Pjan ta’ Azzjoni Ewropew għad-Difiża

**37** L-Istrateġija Globali tal-Unjoni Ewropea<sup>37</sup> (EUGS) tipprovdi viżjoni strateġika biex issostni l-politika estera tal-UE<sup>38</sup>. L-EUGS hija bbażata fuq ħames prijoritajiet, li jinkludu s-sigurtà tal-Unjoni, u approċċ integrat għall-kunflitti u l-kriżijiet<sup>39</sup>.

**38** L-EUGS issemmi l-awtonomija strateġika b’hal objettiv għall-Unjoni. L-awtonomija strateġika hija definita b’hal l-kapaċità li taġixxi u tikkoopera ma’ s’hab internazzjonali u reġjonali kull fejn ikun possibbli filwaqt li tkun kapaċi topera b’mod awtonomu fejn u meta jkun neċessarju<sup>40</sup>.

<sup>36</sup> B’kolloxx, 89 480 servew f’operazzjonijiet ta’ żamma tal-paċi tan-Nazzjonijiet Uniti fil-bidu tal-2019, inklużi 5 965 mill-Istati Membri tal-UE. UN, Summary of Troop Contributing Countries by Ranking (Nazzjonijiet Uniti, Sommarju tal-Pajjiżi li Jikkontribwixxu Truppi skont il-Klassifikazzjoni), 28.2.2019.

<sup>37</sup> “Shared vision, Common Action: A Stronger Europe, A Global Strategy for the European Union’s Foreign and Security Policy” (Viżjoni kondiviża, Azzjoni Komuni: Ewropa Aktar B’Saħħitha, Strateġija Globali għall-Politika Estera u ta’ Sigurtà tal-Unjoni Ewropea), Ġunju 2016.

<sup>38</sup> Fil-kontinwazzjoni ta’ proċess li nbeda f’Diċembru 2013, il-Kunsill Ewropew ta’ Ġunju 2015 ta l-mandat lill-RGħ/VP biex “tkompli bil-proċess ta’ riflessjoni strateġika bil-għan tat-tnejn ta’ strateġija globali tal-UE dwar il-politika barranija u ta’ sigurtà f’kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri”. Il-Kunsill Ewropew laqa’ l-EUGS f’Ġunju 2016 u l-Kunsill adotta l-konklużjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija globali tal-UE f’Novembru 2016.

<sup>39</sup> Il-ħames prijoritajiet huma: Is-sigurtà tal-Unjoni taġġna; ir-Reżiljenza tal-Istat u s-Soċjetà fil-Lvant u n-Nofsinhar taġġna; Approċċ Integrat għall-Konflitti u l-Kriżijiet; Ordnijiet Reġjonali ta’ Kooperazzjoni; u l-Governanza Globali għas-Seklu 21”.

<sup>40</sup> “Implementation Plan on Security and Defence”, (Il-Pjan ta’ Implimentazzjoni dwar is-Sigurtà u d-Difiża), 14.11.2016.

**39** Abbażi tal-EUGS u l-Pjan ta' Implimentazzjoni dwar is-Sigurtà u d-Difiża (IPSD) sussegwenti tiegħu, f'Novembru 2016 il-Kunsill stabbilixxa l-livell ta' ambizzjoni għall-UE<sup>41</sup> (ara l-**Kaxxa 1**).

## Kaxxa 1

### Livell ta' ambizzjoni tal-UE

Il-livell ta' ambizzjoni tal-UE għandu dimensjoni politika u militari<sup>42</sup>. Huwa joħroġ minn testi suċċessivi mfassla bejn l-1999 u l-2016.

#### Dimensjoni politika

Minn perspettiva politika, l-aħħar livell ta' ambizzjoni tal-UE huwa stabbilit fl-EUGS u fl-IPSD tagħha. L-EUGS issemmi tliet prijoritajiet strateġiċi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża" (i) ir-reazzjoni għal kunflitti u kriżijiet esterni; (ii) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-imsieħba; u (iii) il-protezzjoni tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha<sup>43</sup>.

#### Id-dimensjoni militari

Minn perspettiva militari, dawn l-oġġettivi jirrikjedu "l-ispettru sħiħ tal-kapaċitajiet tad-difiża"<sup>44</sup>. Madankollu, l-EUGS ma wasslitx għal rieżami sħiħ tat-tipi ta' operazzjonijiet li l-UE u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jkunu kapaċi jwettqu<sup>45</sup>. Il-livell ta' ambizzjoni militari attwali tal-UE għadu joħroġ minn (i) it-TUE u (ii) l-Oġġettivi Primarji<sup>46</sup>.

<sup>41</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u d-Difiża, 14.11.2016.

<sup>42</sup> "Protecting Europe: meeting the EU's military level of ambition in the context of Brexit (Il-Protezzjoni tal-Ewropa: issodisfar tal-livell ta' ambizzjoni militari tal-UE fil-kuntest tal-Brexit)", *IISS u DGAP*, Novembru 2018.

<sup>43</sup> It-tliet prijoritajiet strateġiċi ġew spjegati aktar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-EUGS fil-qasam tas-Sigurtà u d-Difiża datati 14.11.2016.

<sup>44</sup> "Viżjoni kondiviża, Azzjoni Komuni: Ewropa Aktar B'Saħħitha, Strateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea", Ġunju 2016.

<sup>45</sup> "Protecting Europe: meeting the EU's military level of ambition in the context of Brexit (Il-Protezzjoni tal-Ewropa: issodisfar tal-livell ta' ambizzjoni militari tal-UE fil-kuntest tal-Brexit)", *IISS u DGAP*, Novembru 2018.

<sup>46</sup> Oġġettivi Primarji tesprimi l-mira politika tal-UE fir-rigward tal-kompiti ta' ġestjoni ta' kriżijiet, inkluż il-livell ta' ambizzjoni militari. L-aħħar formulazzjoni tirreferi għall-miri stabbiliti għall-2010.

- o Skont it-TUE<sup>47</sup>, l-UE u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jkunu kapaċi jwettqu l-operazzjonijiet li ġejjin: “operazzjonijiet konġunti ta’ diżarm, missjonijiet umanitarji u ta’ salvataġġ, missjonijiet ta’ għoti ta’ pariri u ta’ assistenza fi kwistjonijiet militari, missjonijiet ta’ prevenzjoni ta’ konflitti u taż-żamma tal-paċi, missjonijiet ta’ forzi ta’ kumbattiment fil-ġestjoni ta’ kriżijiet, inklużi l-missjonijiet għall-istabbiliment tal-paċi u għall-istabbilizzazzjoni wara l-konflitti”<sup>48</sup>.
- o L-Objettivi Primarji jirreferu għall-kapaċità li jiġu skjerati 50 000 sa 60 000 membru tal-persunal malajr għall-aktar kompiti diffiċli fi żmien 60 jum, u li jiġu sostnuti tal-anqas għal sena<sup>49</sup>.

**40** F’Novembru 2016 il-Kummissjoni ppreżentat Pjan ta’ Azzjoni Ewropew għad-Difiża<sup>50</sup>, li jittratta l-aspetti industrijali tad-difiża. Il-pjan jinvolvi:

- o l-istabbiliment ta’ Fond Ewropew għad-Difiża<sup>51</sup> biex jappoġġa industrija tad-difiża kompetittiva u innovattiva fl-Ewropa;
- o il-promozzjoni tal-investiment fl-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) u l-kumpaniji b’kapitalizzazzjoni medja tul il-katina tal-provvista tad-difiża, permezz ta’ fondi tal-UE u appoġġ finanzjarju mill-Bank Ewropew tal-Investiment<sup>52</sup> għal teknoloġiji b’użu doppju;

<sup>47</sup> L-Artikolu 43(1) tat-TUE.

<sup>48</sup> L-Anness għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-EUGS fil-qasam tas-Sigurtà u d-Difiża datati 14.11.2016 juri aktar it-tipi ta’ missjonijiet ċivili u operazzjonijiet militari possibbli tal-PSDK li kienu joħroġu mil-livell ta’ ambizzjoni tal-UE.

<sup>49</sup> Abbażi tal-ambizzjoni maqbula mill-Kunsill Ewropew f’Diċembru 2008, l-UE hija mistennija li tkun kapaċi twettaq għadd ta’ missjonijiet u operazzjonijiet ċivili u militari b’mod simultanju, abbażi ta’ xenarji differenti.

<sup>50</sup> Il-Pjan ta’ Azzjoni Ewropew għad-Difiża, Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, COM(2016) 950 final, Novembru 2016.

<sup>51</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża”, COM(2018) 476 final, 13.6.2018.

<sup>52</sup> Taħt l-Inizjattiva Ewropea dwar is-Sigurtà, il-Bank Ewropew tal-Investiment se jipprovdi EUR 6 biljun ta’ finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp b’użu doppju, ċibersigurtà u sigurtà ċivili bejn l-2018-2020. “The EIB Group Operating Framework and Operational Plan 2018” (Il-Qafas Operattiv u l-Pjan Operazzjonali tal-Grupp tal-BEI għall-2018), 12.12.2017.

- o it-tiżni tas-Suq Uniku tad-Difiża permezz ta' implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva dwar l-Akkwisti fil-Qasam tad-Difiża<sup>53</sup> u d-Direttiva dwar it-Trasferimenti fil-Qasam tad-Difiża<sup>54</sup>.

## Infiq fid-difiża fl-UE

**41** In-nefqa relatata mad-difiża fl-UE taqa' fi tliet kategoriji:

1. in-nefqa nazzjonali mill-Istati Membri tal-UE;
2. l-infiq mill-baġit tal-UE;
3. mekkaniżmi li huma parti mill-qafas tal-UE iżda ffinanzjati mill-Istati Membri barra l-baġit tal-UE (prinċipalment arranġamenti intergovernattivi)<sup>55</sup>.

**42** Il-livell ogħla ta' ambizzjoni tal-UE huwa rifless f'żieda sinifikanti fl-ammont allokati għad-difiża fil-baġit tal-UE, b'mod partikolari għall-QFP li jmiss (ara l-paragrafu 52). Għalkemm l-infiq tal-UE fid-difiża huwa mistenni li jiżjed fil-futur qrib, dan huwa minuri (medja ta' madwar EUR 3 biljun fis-sena), u jammonta għal anqas minn 2 % tal-infiq militari ġenerali tal-Istati Membri. Fil-fatt, l-infiq fid-difiża jseħħ prinċipalment fil-livell nazzjonali.

## Baġits nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE


**43** Fl-2017 biss, it-28 Stat Membru tal-UE allokaw aktar minn EUR 200 biljun ta' nefqa pubblika għad-"difiża". Il-baġits nazzjonali għad-difiża huma ferm akbar mill-baġit tal-UE għad-difiża: b'kollox, huma jirrappreżentaw madwar 75 darba n-nefqa tal-UE fid-difiża taħt il-QFP attwali. Il-**Figura 2** turi l-infiq globali fid-difiża għal kull Stat Membru tal-UE fl-2017.

<sup>53</sup> Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà.

<sup>54</sup> Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità.

<sup>55</sup> In-nefqa inkluża taħt din l-intestatura hija fil-fatt parti min-nefqa nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE (1). Hija ppreżentata separatament għall-benefiċċju taċ-ċarezza.

**Figura 2 – Nefqa fid-difiża fl-UE – Baġits nazzjonali fl-2017<sup>56</sup>**



Sors: Il-QEA, ibbażat fuq data tal-Eurostat.

## Baġit tal-UE

**44** L-użu tal-baġit tal-UE għad-difiża huwa limitat fin-natura (mit-Trattat, ara l-paragrafu 14) u l-ammont. Il-programm prinċipali ta' finanzjament għal dan il-għan huwa l-kapitolu dwar il-baġit tal-PSDK (ara t-[Tabella 1](#)).

<sup>56</sup> Għall-finijiet ta' tqabbil, ġie inkluż il-finanzjament tad-difiża fil-baġit tal-UE għall-2019.

**Tabella 1 – Nefqiet operazzjonali prinċipali relatati mal-azzjonijiet tal-PSDK u nefqiet għas-sigurtà/difiża, QFP 2014-2020 attwali**

Linja baġitarja	Intestatura	Baġit 2019 (EUR miljun)	2014-2020 (EUR miljun)
<b>Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni</b>			
19 03 01	PESK: appoġġ għall-preservazzjoni tal-istabbiltà permezz ta' missjonijiet tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) u r-Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea	314	2 066
19 03 02	PESK: Appoġġ għan-nonproliferazzjoni u d-diżarm	20	
<b>Strument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi</b>			
19 02 01	Tisħiħ tal-kapaċitajiet għas-sigurtà u l-iżvilupp	30	100
19 02 02			
21 05 01			
<b>Kompetittività u kapaċità ta' innovazzjoni fl-industrija tad-difiża</b>			
02 04 77	Azzjoni preparatorja fuq ir-riċerka dwar id-difiża (PADR)	25	90
02 07 01	Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP)	245	500
<b>TOTAL:</b>		<b>634</b>	<b>2 756</b>

Sors: il-QEA.

**45** Il-baġit tal-UE jiffinanzja biss missjonijiet ċivili tal-PSDK. L-operazzjonijiet militari huma ffinanzjati mill-Istati Membri (ara l-paragrafu [49](#)). Barra minn hekk, abbażi tad-dispożizzjonijiet tat-TFUE, il-baġit tal-UE jintuża biex jappoġġa attivitajiet ta' riċerka u żvilupp orjentati lejn id-difiża.

**46** Fil-fatt, l-istabbiliment ta' żewġ programmi pilota (il-PADR u l-EDIDP) juri ż-żieda tal-finanzjament tad-difiża tal-UE. Il-PADR li twaqqfet fl-2017 għall-qasam tar-riċerka, tippermetti għall-ewwel darba li proġetti ta' riċerka għal skopijiet militari jiġu ffinanzjati direttament permezz tal-baġit tal-UE (ara l-paragrafu [124](#) sa [127](#)).

**47** Minbarra l-finanzjament iddedikat għal proġetti ta' riċerka u żvilupp b'applikazzjoni għad-difiża, il-baġit tal-UE jappoġġa wkoll teknoloġiji b'użu doppju. Skont l-oġġettivi tagħhom, il-kumpaniji Ewropej tad-difiża jistgħu jaċċessaw varjetà ta' programmi ta' finanzjament, b'mod partikolari fondi biex jagħmlu lill-intrapriżi u lill-

SMEs aktar kompetittivi (COSME), u sistemi satellitari għan-navigazzjoni u għall-osservazzjoni tad-dinja (Galileo u Copernicus)<sup>57</sup>.

### **Mekkaniżmi tal-UE ffinanzjati mill-Istati Membri barra mill-baġit tal-UE**

**48** Bosta mekkaniżmi f'livell Ewropew, eż. l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, huma ffinanzjati direttament mill-Istati Membri tal-UE. Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri jiffinanzjaw il-baġit ġenerali tal-Aġenzija<sup>58</sup>. Barra minn hekk, l-Istati Membri tal-UE jistgħu jiddeċiedu jekk jipparteċipawx fil-proġetti tal-Aġenzija skont il-ħtiġijiet nazzjonali billi jużaw approċċ *ad hoc*.

**49** Min-naħa operazzjonali, il-missjonijiet militari tal-PSDK jiġu ffinanzjati mill-Istati Membri parteċipanti permezz ta' żewġ kanali: (i) il-forniment ta' persunal, servizzi u assi, iffinanzjati fil-livell nazzjonali, skont il-prinċipju "costs lie where they fall", u (ii) mekkaniżmu ta' ppuljar magħruf bħala "Athena".

**50** Athena huwa strument barra mill-baġit li jiġbor flimkien fondi mill-Istati Membri<sup>59</sup>. Huwa jiffinanzja l-kostijiet komuni<sup>60</sup> tal-operazzjonijiet militari tal-UE, iżda jassumi biss sehem limitat mill-kostijiet totali (5 %-15 %); il-maġġoranza kbira tal-kostijiet<sup>61</sup> jinġarru direttament mill-Istati Membri fuq bażi individwali. Sitt operazzjonijiet militari attivi tal-UE attwalment jirċievu finanzjament minn Athena, fejn jirrappreżentaw baġit annwali ta' madwar EUR 78 miljun. Il-**Figura 3** turi s-sorsi ta' finanzjament skont in-natura tal-kostijiet u tat-tipi ta' missjonijiet tal-PSDK.

---

<sup>57</sup> Għal lista sħiħa tal-fondi tal-UE li jappoġġaw proġetti ċivili u b'użu doppju, ara l-**Gateway tal-Finanzjament tal-EDA**. Il-kumpaniji stabbiliti fl-Ewropa jistgħu jirċievu wkoll appoġġ min-Netwerk Ewropew ta' Reġjuni relatati mad-Difiża [www.endr.eu](http://www.endr.eu), li l-objettiv tiegħu huwa li jżid l-għadd ta' proġetti relatati mad-difiża li jaċċessaw il-finanzjament mill-UE.

<sup>58</sup> FI-2018, il-baġit ġenerali tal-EDA kien EUR 33 miljun u l-baġit totali tagħha kien ta' madwar EUR 94 miljun.

<sup>59</sup> L-Istati Membri jikkontribwixxu skont skala tad-Dħul Nazzjonali Gross. Il-pajjiżi mhux tal-UE li jipparteċipaw f'missjonijiet tal-PSDK jikkontribwixxu fuq bażi *ad hoc*.

<sup>60</sup> Bħall-kostijiet operazzjonali tal-kwartieri ġenerali, l-infrastruttura, is-servizzi mediċi, eċċ.

<sup>61</sup> Kostijiet relatati mal-Istat Maġġur, it-tagħmir, eċċ.

**Figura 3 – Finanzjament tal-missjonijiet tal-PSDK**

		Sors ta' Finanzjament		
		Baġit ġenerali tal-UE	L-Istati Membri (ħlief id-Danimarka)	
			Mekkaniżmu Athena (finanzjament kollettiv)	Fondi nazzjonali
Missjonijiet tal-PSDK	Ċivili	Kostijiet amministrattivi* u operazzjonali		
	Militari	Kostijiet amministrattivi*	Kostijiet operazzjonali komuni	Kostijiet operazzjonali individwali

\* Il-baġit tal-UE jista' jkopri l-kostijiet amministrattivi biss għall-istituzzjonijiet tal-UE (l-Artikolu 41(1) tat-TUE).

Sors: il-QEA.

**51** Ukoll barra mill-baġit tal-UE, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp jappoġġa l-isforzi tal-Unjoni Afrikana fil-qasam tal-paċi u tas-sigurtà – inklużi t-taħriġ jew it-tagħmir militari għal operazzjonijiet immexxija mill-Afrika – permezz tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika (FPA)<sup>62</sup>.

### Proposti għall-ġejjieni

**52** Il-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP 2021-2027 tirrifletti l-ambizzjoni li d-difiża jkollha rwol aktar prominenti fil-ġejjieni. B' madwar EUR 22.5 biljun allokati għad-difiża fil-baġit tal-UE<sup>63</sup>, dan jirrappreżenta żieda maġġuri meta mqabbel mal-EUR 2.8 biljun għall-perjodu 2014-2020. Il-**Figura 4** turi l-bidliet prinċipali bejn il-QFP attwali u l-proposti għal dak li jmiss.

**53** L-istrumenti barra mill-baġit huma mistennija li jkollhom rwol sinifikanti fil-finanzjament fil-ġejjieni ta' azzjonijiet operazzjonali taħt il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) li għandhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża<sup>64</sup>, kif muri mill-proposta biex tiġi stabbilita Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) barra mill-QFP.

<sup>62</sup> Għal stampa ġenerali tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika, ara r-Rapport Speċjali Nru 20/2018 "L-Arkitettura Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà: jeħtieġ li l-appoġġ li jingħata mill-UE jiġi ffukat mill-ġdid".

<sup>63</sup> EUR 13-il biljun proposti għall-Fond Ewropew għad-Difiża, EUR 6.5 biljun allokati għall-mobbiltà militari u EUR 3 biljun proposti għall-PESK.

<sup>64</sup> "European Peace Facility: An EU off-budget fund to build peace and strengthen international security" (Il-Faċilità Ewropea għall-Paċi: Fond barra mill-baġit tal-UE biex tinbena l-paċi u tissaħħaħ is-sigurtà internazzjonali), *Skeda Informattiva tas-SEAE*, Ġunju 2018.

**54** L-EPF, li hija mistennija tiswa EUR 10.5 biljun matul il-perjodu 2021-2027, tibni fuq u tgħaqqad il-mekkaniżmi eżistenti<sup>65</sup> f'Fond uniku bl-objettiv li tegħleb il-lakuni u l-limitazzjonijiet eżistenti tagħhom u li “tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tippreserva l-paċi, tipprevjeni l-konflitti u ssaħħaħ is-sigurtà internazzjonali”<sup>66</sup>. Il-proposta tiffoka fuq tliet oqsma ewlenin:

1. tiffaċilita l-operazzjonijiet militari tal-UE billi tipprovi fond permanenti b'firxa miżjuda ta' kostijiet komuni meta mqabbel mal-mekkaniżmu Athena<sup>67</sup>;
2. it-twessigħ tal-ambitu tal-UE għall-finanzjament ta' operazzjonijiet ta' appoġġ għall-paċi lil Stati terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali fuq skala globali<sup>68</sup>;
3. it-twessigħ tal-appoġġ tal-UE għall-attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-forzi armati fil-pajjiżi sħab.

---


<sup>65</sup> L-FPA u l-mekkaniżmu Athena.

<sup>66</sup> Il-proposta tat-13.6.2018 tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, lill-Kunsill għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi (HR(2018) 94).

<sup>67</sup> B'risultat ta' dan, il-kostijiet komuni ta' operazzjoni militari huma mistennija li jilħqu 35 %-45 % tal-kostijiet globali tal-missjoni meta mqabbla ma' 5 %-15 % bil-mekkaniżmu Athena attwali.

<sup>68</sup> Permezz tal-FPA, attwalment dan l-appoġġ huwa limitat għall-Afrika u għall-Unjoni Afrikana.

**Figura 4 – Bidliet proposti fil-finanzjament tal-UE għad-difiża**



Sors: il-QEA.

### 1.3 Riskji assoċjati mal-ambizzjoni l-għdida ta' difiża tal-UE

**55** L-inizjattivi tal-UE relatati mad-difiża jirrappreżentaw tentattivi f'qasam fejn l-UE f'itit kellha esperjenza fl-imgħoddi. Id-dikjarazzjonijiet politiċi assoċjati mal-inizjattivi l-għodda setgħu qajmu aspettattivi li l-UE għandha mnejn ma tkunx kapaċi tissodisfa<sup>69</sup>. Attwalment, hemm ir-riskju li jista' jkun li ma ġewx stabbiliti miri adegwati u jista' jkun li ma hemmx fis-seħħ sistemi xierqa biex jakkomodaw żieda bħal din fl-infiq tal-UE u fil-livell għdid ta' ambizzjoni stabbilit fl-EUGS.

<sup>69</sup> S. Blockmans, "The EU's modular approach to defence integration: An inclusive, ambitious and legally binding PESCO?" (L-aproċċ modulari tal-UE għall-integrazzjoni tad-difiża: PESCO inklużiva, ambizzjuża u legalment vinkolanti?), 2018.

## Ambizzjoni għall-politika ta' difiża tal-UE

**56** Id-difiża hija dominju speċifiku fil-qalba tas-sovranità nazzjonali. Għaldaqstant, id-deċiżjonijiet dwar id-difiża tal-UE huma r-risultat ta' proċess politiku li jinvolve kompromess bejn diversi raġunamenti u interessi.

**57** F'dan il-kuntest, hemm differenzi strateġiċi ċari bejn l-Istati Membri tal-UE<sup>70</sup>:

- o huma ma għandhomx perċezzjoni komuni tat-theddidiet;
- o huma għandhom oqfsa istituzzjonali differenti b'regoli differenti tal-involviment u firxa wiesgħa ta' fehmiet dwar l-użu tal-forza militari;
- o fl-aħħar nett, huma ma għandhomx viżjoni komuni dwar ir-rwol tal-UE.

**58** Pereżempju, xi Stati Membri għandhom it-tendenza li jiffukaw fuq id-difiża territorjali kontra t-theddidiet militari ppreżentati mir-Russja, filwaqt li oħrajn huma aktar orjentati lejn l-isfidi għas-sigurtà li joriġinaw mill-Afrika ta' Fuq u mil-Lvant Nofsani<sup>71</sup>. Xi Stati Membri għandhom tradizzjoni ta' newtralità, filwaqt li oħrajn huma lesti li jipparteċipaw f'operazzjonijiet ta' spettru għoli.

**59** F'kuntest bħal dan, xi kunċetti, bħal "awtonomija strateġika" jew "armata Ewropea", huma wesgħin u vagi. Termini bħal dawn jistgħu jitqiesu bħala kontroproduttivi għar-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni man-NATO, qasam li huwa kruċjali għall-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE.

### Awtonomija strateġika u livell ta' ambizzjoni

**60** L-awtonomija strateġika tal-Ewropa hija wieħed mill-kunċetti ewlenin fl-EUGS (ara l-paragrafi 37 sa 39)<sup>72</sup>. Madankollu, il-fatt li l-Istati Membri ma għandhomx fehim komuni ta' x'tinvolve awtonomija bħal din ifisser li l-livell ta' ambizzjoni politiku tal-

<sup>70</sup> J-D. Giuliani, "Defence: Europe's awakening" (Id-difiża: Il-qawmien tal-Ewropa), *European issues* 474, Fondazzjoni Robert Schuman, Mejju 2018.

<sup>71</sup> "In Defence of Europe: Defence integration as a response to Europe's strategic movement", (Id-difiża tal-Ewropa: L-integrazzjoni tad-difiża bħala risposta għall-moviment strateġiku tal-Ewropa), Nota Strateġika taċ-ĊESP, Ġunju 2015.

<sup>72</sup> Il-kunċett jissema b'mod regolari f'dokumenti uffiċjali tal-UE. Pereżempju, il-Kunsill ta' Ġunju 2019 iddikjara li "Billi tindirizza l-bżonnijiet attwali u futuri tal-Ewropa fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, l-UE ser ittejjeb il-kapaċità tagħha li taġixxi bħala fornitur tas-sigurtà u l-awtonomija strateġika tagħha, u ser issaħħaħ il-kapaċità tagħha li tikkoopera mas-sħab".

EUGS ma ġie tradott b' mod sħiħ f' termini militari<sup>73</sup>. Kemm il-kunċett ta' awtonomija strateġika kif ukoll il-livell ta' ambizzjoni, inkluża r-referenza għal "l-ispettru sħiħ tal-kapaċitajiet tad-difiża" huma vagi dwar dak li jfissru f' termini ta' difiża<sup>74</sup>.

**61** L-EUGS, b' mod partikolari t-tielet prijorità strateġika tagħha, jġigifieri, il-protezzjoni tal-Ewropa u taċ-ċittadini Ewropej hija nieqsa minn espressjoni militari ċara, kompleta u dettaljata. Mistoqsijiet ewlenin baqgħu mhux imwieġba, pereżempju: il-livell ta' ambizzjoni awtonomu tal-UE huwa limitat għall-operazzjonijiet barra mill-UE? Jew dan ifisser li l-Istati Membri huma mistennija li jkunu kapaċi jiddefendu wkoll it-territorju proprju tagħhom<sup>75</sup>? Xi esperti għalhekk iqisu li hemm konfużjoni dwar l-oġettivi ta' difiża tal-UE<sup>76</sup>.

**62** Barra minn hekk, il-livell ta' ambizzjoni għoli tal-EUGS (ara l-**Kaxxa 1**) jikkontrasta mar-riżorsi disponibbli u l-kapaċitajiet rilevanti tal-Istati Membri. Diversi pajjiżi tal-UE għandhom problemi anki biex jissodisfaw il-kontribuzzjoni tagħhom għan-NATO<sup>77</sup>, li hija n-netwerk ta' difiża primarju għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri (ara l-**Figura 2**). Għalhekk hemm diskrepanza ċara bejn dak li l-Istati Membri huma mistennija li jagħmlu u dak li jistgħu jaqblu dwaru u jwettqu<sup>78</sup>.

## Armata Ewropea

**63** Għalkemm il-kunċett ta' armata Ewropea ma jissemmiex f' dokumenti uffiċjali reċenti tal-UE, huwa rċieva attenzjoni mifruxa mġedda fl-isferi pubbliċi u politiċi u għalhekk jimmeritah eżami ulterjuri f' dan ir-rapport analitiku. Fil-fatt, l-istabbiliment

<sup>73</sup> Jo Coelmont, European Strategic Autonomy: "Which Military Level of Ambition?" (L-Awtonomija Strateġika Ewropea: Liema Livell ta' Ambizzjoni Militari?), Marzu 2019.

<sup>74</sup> Thierry Tardy, "The return of European Defence?" (Ir-ritorn tad-Difiża Ewropea?), *European issues* 474, Fondazzjoni Robert Schuman, Mejju 2018.

<sup>75</sup> Sven Biscop, "EU-NATO relations: a long-term perspective", (Ir-relazzjonijiet UE-NATO: perspettiva fit-tul), *Nação e Defesa*, Novembru 2018.

<sup>76</sup> Frédéric Mauro u Olivier Jehin, *Institut de Relations Internationales et Stratégiques* (IRIS) u l-Grupp għar-Riċerka u l-Infurmazzjoni dwar il-Paċi u s-Sigurtà (GRIP), "A European Army to do what?" (Armata Ewropea biex tagħmel xiex?), April 2019.

<sup>77</sup> Fis-summit ta' Wales tal-2014, l-Istati Membri tan-NATO impenjaw ruħhom li jonfqu mill-anqas 2 % tal-PDG tagħhom fuq id-difiża sal-2024.

<sup>78</sup> Herbert Sailer, "EU Capability Development" (L-Iżvilupp tal-Kapaċità tal-UE), CSDP Handbook, Mejju 2017.

ta' armata Ewropea, li diġà kien previst fl-1950s<sup>79</sup>, huwa kunċett rikorrenti fil-qasam tad-difiża tal-UE li dan l-aħħar reġa' tfaċċa. Madankollu, id-dikjarazzjonijiet politiċi dwar il-ħolqien ta' armata Ewropea huma ambigwi u mhux realistiċi "fil-futur prevedibbli"<sup>80</sup>. Xi eks uffiċjali militari qajmu dubji dwar ir-rilevanza ta' armata Ewropea, u b'hekk urew li ma hemmx fis-seħħ il-prerekwiżiti għal waħda<sup>81</sup>.

**64** L-Istati Membri tal-UE mhux kollha jaqblu dwar it-tifsira tad-"difiża Ewropea". In-nuqqas ta' kultura strateġika komuni jew ta' viżjoni komuni dwar l-użu tal-forza, u proċess deċiżjonali li huwa bbażat fuq l-unanimità, jagħmilha improbabbli li l-Istati Membri jistgħu jilħqu kunsens biex jużaw forzi militari għal interventi ta' spettru għoli<sup>82</sup>. Xi esperti jħossu li, jekk jiġi imbuttat iżżejjed, il-kunċett ta' Armata Ewropea jista' jwassal għal qasmiet aktar profondi bejn l-Istati Membri tal-UE<sup>83</sup>.

**65** Dan jispjega għaliex l-iskjeramenti ta' forza preċedenti ma seħħewx taħt il-bandiera tal-UE, iżda pjuttost fuq bażi nazzjonali jew taħt koalizzjonijiet *ad hoc*. Pereżempju, il-gruppi tattiċi tal-UE qatt ma ġew skjerati, minkejja li ilhom operattivi mill-2007. Il-35 missjoni u operazzjoni implimentati taħt il-PSDK kienu prinċipalment ta' natura ċivili jew kienu operazzjonijiet militari ta' intensità baxxa ffukati fuq il-ġestjoni ta' kriżijiet<sup>84</sup>. L-UE ma pparteċipatx fl-aktar operazzjonijiet militari impenjattivi, bħal dawk fil-Libja jew fis-Sirja. Barra minn hekk, ma kinitx involuta fid-"difiża u d-deterrenza fis-sens ristrett tal-protezzjoni militari tat-territorji [u] l-popolazzjonijiet"<sup>85</sup> fl-Ewropa.

---

<sup>79</sup> It-trattat li stabbilixxa l-"Komunità Ewropea tad-Difiża" fl-1952 kien jipprevedi forza armata komuni, baġit komuni u istituzzjonijiet komuni.

<sup>80</sup> Sophia Besch, Iċ-Ċentru għar-Riforma Ewropea, "An EU Army? Four reasons it will not happen" (Armata tal-UE? Erba' raġunijiet għaliex mhijiex se sseħħ), Mejju 2016.

<sup>81</sup> Pereżempju, il-**General Charles-Henri Delcour**, l-eks Kap tad-Difiża tal-Belġju.

<sup>82</sup> Dick Zandee, "Core groups: the way to real European Defence" (Il-core groups: it-triq għal Difiża Ewropea reali), l-Istitut Irjali Egmont għar-Relazzjonijiet Internazzjonali, Frar 2017.

<sup>83</sup> Ara pereżempju Vladimir Bilcik, "After the EU global strategy: Consulting the Experts" (Wara l-istrateġija globali tal-UE: Konsultazzjoni mal-esperti), 2016.

<sup>84</sup> Frédéric Mauro u Olivier Jehin, *Institut de Relations Internationales et Stratégiques* (IRIS) u l-Grupp għar-Riċerka u l-Informazzjoni dwar il-Paċi u s-Sigurtà (GRIP), "A European Army to do what?" (Armata Ewropea biex tagħmel xiex?), April 2019.

<sup>85</sup> Claudia Major, Carnegie Europe, "Credible EU defence means rethinking sovereignty" (Difiża kredibbli tal-UE tfisser konsiderazzjoni mill-ġdid tas-sovranità), Ġunju 2017.

**66** Abbażi ta' rieżami tal-pubblikazzjonijiet dwar is-suġġett<sup>86</sup>, armata reali u kredibbli tirrikjedi bosta elementi ewlenin, fosthom<sup>87</sup>:

- o forza permanenti ffinanzjata minn baġit komuni;
- o ippjanar komuni tad-difiża biex jiġu żviluppatti u miksuba kapaċitajiet komuni;
- o kapaċitajiet militari awtonomi, inkluż kmand u kontroll sħiħ;
- o proċess deċiżjonali effettiv b'linja ta' kmand unika u tmexxija ċara bl-awtorità u l-leġittimità li timpenja l-forzi armati;
- o kontroll ċivili u demokratiku fuq il-militar u l-użu tal-forzi armati.

**67** Huwa ċar li dawn l-elementi mhumiex probabbli li se jkunu preżenti fil-livell tal-UE fil-futur qrib. Il-bini ta' hekk imsejħa armata tal-UE jinvolti t-trasferiment tas-setgħat sovrani nazzjonali għal-livell supranazzjonali tal-UE, xi ħaġa li bosta Stati Membri ma jaqblux magħha<sup>88</sup>.

**68** F'termini ta' kapaċitajiet, il-bini ta' armata jirrikjedi ammont sinifikanti ta' ħin u flus. Biex nuru l-ammonti involuti u mingħajr ma nipprovdu stima tal-baġit meħtieġ biex tinbena armata, il-Membri tan-NATO li qegħdin fl-UE jkunu jeħtieġu jinvestu EUR 90 biljun addizzjonali kull sena sempliċement biex jilħqu l-linja gwida ta' 2 % tal-PDG, jiġifieri żieda ta' madwar 45 % meta mqabbel mal-livell ta' nfiq tagħhom tal-2017<sup>89</sup>.

## Koerenza man-NATO

**69** Il-koerenza tal-inizjattivi tal-UE u tas-sinerġiji tagħhom ma' oqfsa oħra, b'mod partikolari n-NATO, hija essenzjali. Billi l-Istati Membri jipparteċipaw f'bosta oqfsa ta'

---

<sup>86</sup> Eż. Frédéric Mauro u Olivier Jehin, *Institut de Relations Internationales et Stratégiques* (IRIS) u l-Grupp għar-Riċerka u l-Infommazzjoni dwar il-Paċi u s-Sigurtà (GRIP), "A European Army in what form?" (Armata Ewropea f'liema forma?), April 2019.

Judy Dempsey u l-kontributi tal-esperti, Carnegie Europe, "Does the EU need its own Army?" (L-UE għandha bżonn l-Armata tagħha?), Marzu 2015.

<sup>87</sup> L-elementi mhumiex lista kompleta tar-rekwiżiti għall-istabbiliment ta' armata.

<sup>88</sup> Claire Mills, "EU Defence: Where is it heading" (Id-Difiża tal-UE: 'Il fejn sejra), Mejju 2019.

<sup>89</sup> Kalkolu tal-QEA bbażat fuq *data* tal-Eurostat.

kooperazzjoni (ara l-paragrafu 29), dan jista' jdgħajjef il-benefiċċji rispettivi u jwassal għal prattiki f'kompetizzjoni u għal duplikazzjoni tal-proċessi.

**70** Dan jgħodd b'mod partikolari fejn tidħol in-NATO, billi l-inizjattivi tal-UE jistgħu jwasslu għal, jew jiġu perċepiti bħala, duplikazzjoni. Għalkemm jilqa' l-inizjattivi ta' difiża tal-UE, is-Segretarju Ġenerali tan-NATO wissa f'bosta okkażjonijiet li d-duplikazzjoni u l-kompetizzjoni bejn l-UE u n-NATO<sup>90</sup> jistgħu fl-aħħar mill-aħħar idgħajfu r-rabta transatlantika u b'hekk is-sigurtà tal-Ewropa. Bl-istess mod, f'Mejju 2019, l-amministrazzjoni tal-Istati Uniti enfasizzat ukoll li l-inizjattivi l-ġodda tal-UE jistgħu jipproduċu duplikazzjoni, sistemi militari mhux interoperabbli, id-devjazzjoni ta' riżorsi skarsi tad-difiża u kompetizzjoni bla bżonn bejn in-NATO u l-UE<sup>91</sup>.

**71** Il-komplementarjetà bejn l-UE u n-NATO hija punt ewlieni li ġie enfasizzat kemm il darba f'dokumenti uffiċjali tal-UE<sup>92</sup>. In-NATO hija responsabbli għad-difiża kollettiva tal-membri tagħha. L-Istati Membri tal-UE għandhom sett uniku ta' forzi; għalhekk, sabiex jiġi evitat l-użu ineffiċjenti tal-flus tal-kontribwenti, punt kritiku u prijorità ewlenija għall-futur qrib huwa jekk l-UE hijiex kapaċi tikkomplementa lin-NATO u b'hekk tevita d-duplikazzjoni u l-funzjonijiet sovrapposti magħha. L-effiċjenza tfisser li jiġi evitati kull forma ta' duplikazzjoni mhux meħtieġa, sew jekk ikunu proċessi, strutturi bħall-kmand operattiv, jew outputs.

**72** Kienu rrapportati passi reċenti fil-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO<sup>93</sup>. Eżempju tajjeb tal-komplementarjetà bejn l-UE u n-NATO huwa l-mobbiltà militari, li turi s-sinerġiji u l-komplementarjetà potenzjali bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet (ara l-*Kaxxa 2*).

---

<sup>90</sup> Pereżempju, [https://www.nato.int/cps/en/natohq/opinions\\_160495.htm](https://www.nato.int/cps/en/natohq/opinions_160495.htm) u [https://www.nato.int/cps/en/natohq/opinions\\_160241.htm](https://www.nato.int/cps/en/natohq/opinions_160241.htm).

<sup>91</sup> Guy Chazan u Michael Peel, *Financial Times*, "US warns against European joint military project" (L-Istati Uniti twissi kontra l-proġett militari konġunt Ewropew), 14.5.2019.

<sup>92</sup> Pereżempju, "L-Istrateġija Globali tal-UE għall-Politika Estera u ta' Sigurtà", Ġunju 2016, ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13.6.2018 dwar ir-relazzjonijiet UE-NATO, 2017/2276(INI), Ir-raba' rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tas-sett komuni ta' proposti approvati mill-Kunsilli tan-NATO u tal-UE fis-6.12.2016 u l-5.12.2017, 17.6.2019.

<sup>93</sup> Ir-raba' rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tas-sett komuni ta' proposti approvati mill-Kunsilli tan-NATO u tal-UE fis-6 ta' Diċembru 2016 u l-5 ta' Diċembru 2017, 17.6.2017.

## Kaxxa 2

### Mobbiltà militari

B'differenza mill-mezzi tat-trasport ċivili li jistgħu jiċċaqilqu b'mod liberu fiż-żona Schengen, il-persunal u t-tagħmir militari ma jistgħux sempliċement jaqsmu l-fruntieri<sup>94</sup>.

Dan ixekkel il-kapaċità tal-Istati Membri tal-UE li jirreaġixxu għall-kriżijiet, kemm barra t-territorju tal-UE taħt il-PSDK, jew f'oqfsa oħra, bħan-NATO, biex jiżguraw id-difiża territorjali tal-Ewropa. Il-mobbiltà militari ġiet identifikata bħala qasam ta' prijorità għall-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO.

F'Marzu 2018, il-KE nediet Pjan ta' Azzjoni dwar il-mobbiltà militari<sup>95</sup>, b'allokazzjoni proposta ta' EUR 6.5 biljun għall-QFP li jmiss. Il-pjan jipproponi miżuri operattivi għar-rekwiżiti militari, l-infrastruttura tat-trasport u kwistjonijiet ta' proċedura, b'kont meħud tal-inputs min-NATO. Huwa għandu l-għan ukoll li jiżviluppa sinerġiji ċivili-militari, b'mod partikolari permezz tal-użu doppju tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport.

**73** Kif muri matul l-ewwel parti ta' dan ir-rapport analitiku u minkejja l-iżviluppi reċenti fil-politika ta' difiża tal-UE, l-Istati Membri għadhom fil-kontroll f'dak li għandu x'jaqşam mad-difiża Ewropea. Ir-rwol ta' tmexxija tagħhom huwa appoġġat minn konsiderazzjonijiet legali, istituzzjonali u finanzjarji.

<sup>94</sup> "Defending Europe: Improving military mobility in the European Union" (Niddefendu l-Ewropa: Titjib tal-mobbiltà militari fl-Unjoni Ewropea), *Skeda Informattiva tal-Kummissjoni Ewropea*, 2018.

<sup>95</sup> Il-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tar-RGħ/VP lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Militari, JOIN(2018) 5 final, Marzu 2018.

## 2. Kapaċitajiet u industriji tad-difiża tal-Istati Membri tal-UE: sfidi għall-pożizzjoni mondjali

**74** Fit-tieni parti ta' dan ir-rapport analitiku, aħna neżaminaw id-Difiża Ewropea mill-perspettivi kemm ta' kapaċità kif ukoll tal-industrija, bil-għan li nippreżentaw l-inizjattivi l-ġodda tal-UE żviluppanti f'dawn l-oqsma u r-riskji sottostanti tagħhom.

### 2.1 Punti ta' forza u dgħufijiet tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri

#### Kejl tal-kapaċitajiet militari

**75** F'termini militari, kapaċità hija kombinazzjoni ta' mezzi u modi biex jitwettaq sett ta' kompiti<sup>96</sup>. Din id-definizzjoni wiesgħa tinkludi t-tagħmir u l-persunal, kif ukoll l-istat ta' tħejjija operazzjonali tagħhom u l-abbiltà li jsostnu operazzjonijiet matul iż-żmien. Il-kapaċitajiet militari fl-aħħar mill-aħħar għandhom l-għan li jipprovdu vantaġġ militari komparattiv fid-deterrenza jew il-għieda kontra għedewwa potenzjali jew reali.

**76** Il-kejl tal-kapaċitajiet militari u tas-saħħa militari ta' pajjiż huwa kumpless, u jirrikjedi *data* kemm kwantitattiva kif ukoll kwalitattiva li ħafna drabi mhijiex disponibbli għall-pubbliku. Barra minn hekk, għal kwalunkwe pajjiż partikolari, il-punti ta' forza u d-dgħufijiet assoċjati mal-kapaċitajiet militari jistgħu jiġu vvalutati biss kontra: (i) it-tħeddidiet identifikati; (ii) il-kapaċitajiet tal-għedewwa potenzjali; u (iii) il-kapaċitajiet tal-alleati.

**77** Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, din it-taqsimha għandha l-għan li tissottolinja xi konsiderazzjonijiet ewlenin tal-kapaċitajiet militari tal-Istati Membri abbażi ta'

<sup>96</sup> Il-Glossarju tal-Akronimi u d-Definizzjonijiet tal-EUMC (2017) jiddefinixxi l-kapaċità militari bħala kombinazzjoni ta' mezzi u modi biex jitwettaq sett ta' kompiti jew jinkiseb effett skont standard f'kundizzjonijiet speċifikati. Il-kapaċità militari ġeneralment tinkludi erba' komponenti ewlenin: Struttura tal-Forzi – il-persunal, l-għadd, id-daqs u l-kompożizzjoni tal-forzi; Konfigurazzjoni – is-sofistikazzjoni teknika tal-forzi u t-tagħmir; Stat ta' tħejjija – l-abbiltà li jiġu pprovduti l-kapaċitajiet meħtieġa mill-kmandanti kombattenti biex iwettqu l-missjonijiet assenjati tagħhom; Sostenibbiltà – l-abbiltà li jinżammu l-livell u d-durata meħtieġa tal-attività operazzjonali biex jintlaħqu l-oġettivi militari.

informazzjoni pubblikament disponibbli. Hija ma tikkostitwix valutazzjoni komprensiva tas-saħħa militari tagħhom.

**78** Ix-xenarju tal-kapaċitajiet militari fl-UE għadha tirrifletti l-istorja, il-ġeografija u l-interessi nazzjonali tal-Istati Membri<sup>97</sup>. Pereżempju, Franza u r-Renju Unit ifittxu li jwettqu spettru sħiħ ta' operazzjonijiet – inklużi operazzjonijiet ta' livell għoli – li jinvolvu forzi ta' spedizzjoni li għandhom jiġu skjerati barra mill-UE. Min-naħa l-oħra, il-Ġermanja tipprijoritizza d-difiża territorjali b'formazzjonijiet itqal<sup>98</sup>.

### Indikaturi kwantitattivi

**79** L-ewwel indikatur mondjali li ġeneralment huwa assoċjat mal-kapaċitajiet militari huwa l-baġit għad-difiża. Mingħajr ma jeżamina l-użu effiċjenti tar-riżorsi, dan l-indikatur xorta waħda jipprovi idea ġenerali tad-daqs u s-saħħa tal-forzi militari f'termini assoluti u komparabbli. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri tal-UE flimkien huma t-tieni l-aktar li jonfqu fuq id-difiża fid-dinja, wara l-Istati Uniti (ara l-**Figura 8**). Madankollu, it-tnaqqis sinifikanti u mhux ikkoordinat fil-baġits tagħhom għad-difiża bejn l-2005 u l-2015, flimkien mal-investment insuffiċjenti, affettwaw il-kapaċitajiet militari tagħhom<sup>99</sup>.

**80** It-tieni indikatur ewlieni huwa l-iskala tal-manodopera militari. Meta jingħadd flimkien il-persunal militari nazzjonali, l-Istati Membri tal-UE għandhom it-tieni l-akbar armata fid-dinja<sup>100</sup>. Matul l-aħħar deċennju, l-għadd konsolidat tal-persunal militari naqas bi 23 %. L-għadd totali ta' forzi tal-art skjerabbli u sostenibbli wkoll naqas, iżda sa ċertu punt anqas (il-**Figura 5**).

<sup>97</sup> Dick Zandee, "Core Groups: The way to Real European Defence" (Core Groups: It-triq għal Difiża Ewropea reali), Egmont – L-Istitut Irjali għar-Relazzjonijiet Internazzjonali, Frar 2017.


<sup>98</sup> Margriet Drent, Eric Wilms, Dick Zandee, "Making sense of European Defence" (Fehim tad-Difiża Ewropea), Diċembru 2017.

<sup>99</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża, COM(2018) 476 final, 13.6.2018.

McKinsey, "More European, More Connected and More Capable: Building the European Armed Forces of the Future" (Aktar Ewropej, Aktar Konnessi u Aktar Kapaċi: Il-Bini tal-Forzi Armati Ewropej tal-Ġejjieni), 2017.

<sup>100</sup> Wara ċ-Ċina, il-bilanċ militari tal-IISS tal-2019 u ċ-Ċentru Ewropew ta' Strateġija Politika, in-Nota Strateġika 4/2015, "In Defence of Europe" (Fid-Difiża tal-Ewropa), 15.6.2015, p. 3.

**Figura 5 – Evoluzzjoni tal-persunal militari tal-Istati Membri tal-EDA – 2006-2016 (eluf)**



Sors: II-QEA, ibbażat fuq *data* tal-EDA.

**81** F'termini ta' kapaċitajiet u firxa konsolidati, l-Istati Membri tal-UE għandhom, wara l-Istati Uniti, sehem sinifikanti ta' kapaċitajiet militari (it-[Tabella 2](#)), anki jekk il-biċċa l-kbira tat-tagħmir konvenzjonali disponibbli tagħhom tnaqqas mis-sena 2000 (il-[Figura 6](#)).

**Tabella 2 – L-UE u qawwiet militari oħra – tagħmir militari magħżul, 2018**



\* Mhix disponibbli *data* għar-Russja.

Sors: II-QEA, ibbażat fuq il-Bilanċ Militari tal-Istitut Internazzjonali għall-Istudji Strateġiċi (IISS) 2019.

**Figura 6 – Evoluzzjoni ta' għażla ta' tagħmir militari tal-UE28 – 2000-2018 (għadd ta' unitajiet)**

	2000	2010	2018	2018/2000
Karrijiet armati prinċipali	15 868	7 131	4 324	-73 %
Vetturi armati għall-ġlied tal-infanterija	8 644	7 379	6 571	-24 %
Ingġenji tal-ajru tattiċi	2 949	2 296	1 863	-37 %
Ingġenji tal-ajru tanker	77	66	47	-39 %
Ħelikopters ta' attakk	283	360	373	32 %
Bastimenti tal-ġlied tal-wiċċ prinċipali	172	146	121	-30 %
Sottomarini	86	66	62	-28 %
Vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ	22	127	230	945 %

Sors: II-QEA, ibbażat fuq il-Bilanċ Militari tal-IISS.

## Analiżi kwalitattiva

**82** L-analiżi tal-kapaċitajiet militari tmur lil hinn minn rieżami tad-*data* kwantitattiva. B'mod partikolari, il-kwalità u t-tip ta' kapaċitajiet disponibbli huma wkoll ta' importanza kruċjali biex jappoġġaw l-effettività tal-forzi militari. It-tnaqqis fil-baġits nazzjonali għad-difiża, flimkien ma' għadd akbar ta' operazzjonijiet aktar intensi, poġġew il-kapaċitajiet eżistenti taħt pressjoni serja. It-tiġdid anqas frekwenti tat-tagħmir wassal għat-tixjiħ tal-kapaċitajiet militari<sup>101</sup>, b'anqas tnejn u użabbiltà f'termini operazzjonali u żminijiet u kostijiet akbar ta' manutenzjoni u tiswija (ara l-[Kaxxa 3](#)).

### Kaxxa 3

#### Eżempju ta' kwistjonijiet ta' tnejn - Il-Ġermanja<sup>102</sup>

Ir-rapporti annwali reċenti tal-Kummissarju Parlamentari Ġermaniż għall-Forzi Armati ssottolinjaw id-defiċjenzi materjali rikorrenti f'ħafna dipartimenti tal-armata. Ir-rapport tal-2017 semma l-istat ta' tnejn reali tas-sistema prinċipali tal-armi tal-Bundeswehr huwa drammatikament baxx f'bosta oqsma<sup>103</sup>.

Pereżempju, 39 % biss tal-karrijiet armati Leopard 2 kienu disponibbli għall-użu minħabba n-nuqqas ta' spare parts. Xi drabi, l-ebda wieħed mis-sitt sottomarini ma kien disponibbli u anqas minn nofs l-ajruplani tal-ġlied Eurofighters u Tornado ma setgħu jtiru. Minbarra l-inkapaċità potenzjali ta' skjerament rapidu tal-forzi, din is-sitwazzjoni kultant impedit ukoll lill-persunal militari milli jitħarreġ adegwatament.

**83** Il-kapaċitajiet militari tal-Istati Membri huma kkaratterizzati wkoll minn livell għoli ta' duplikazzjoni u frammentazzjoni, li jfisser li l-forzi armati Ewropej huma anqas interoperabbli<sup>104</sup>. Fl-2017, kien hemm 178 sistema ta' armi differenti użati fl-UE, meta

<sup>101</sup> Pereżempju, madwar 80 % tar-riżorsi għall-kontroll tal-ibħra, il-fregati u l-korvetti għandhom aktar minn 15-il sena (*sors*: EDA, "Future capabilities, emerging trends and key priorities" (Il-kapaċitajiet futuri, ix-xejriet emerġenti u l-prijoritajiet ewlenin), 2018).

<sup>102</sup> Id-59 u s-60 rapport annwali tal-Kummissarju Parlamentari għall-Forzi Armati, Dr Hans-Peter Bartels.

<sup>103</sup> Id-59 rapport annwali tal-Kummissarju Parlamentari għall-Forzi Armati, Dr Hans-Peter Bartels, 20.2.2018, p. 41.

<sup>104</sup> "Joining Forces, the way towards the European Defence Union" (It-Tagħqid flimkien tal-Forzi, it-triq għall-Unjoni Ewropea tad-Difiża), l-Ċentru Ewropew ta' Strategija Politika, 14.2.2019.

mqabbel ma' 30 fl-Istati Uniti<sup>105</sup>. Il-varjetà wiesgħa ta' sistemi mħaddma – u għalhekk in-nuqqas ta' standards tekniċi komuni – huma detrimental għall-interoperabbiltà tal-forzi armati differenti fl-Ewropa. F'kuntest fejn il-missjonijiet u l-operazzjonijiet kollaborattivi huma n-norma, grad xieraq ta' interoperabbiltà huwa vitali għal (ko)operazzjoni effettiva.

**84** It-tagħlimiet miksuba mill-interventi operazzjonali fil-Libja (2011) u fil-Mali (2013-2014) wasslu għall-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet kritiċi ta' kapaċità, kif muri fuq il-post mid-dipendenza qawwija fuq il-kapaċitajiet strateġiċi tal-Istati Uniti<sup>106</sup>. B'mod partikolari, in-nuqqas ta' abilitaturi strateġiċi<sup>107</sup> bħall-munizzjon bi gwida ta' preċiżjoni, ir-riforniment ta' fjuwil fl-ajru, il-kmand u l-kontroll, jew is-sorveljanza tal-intelligence u r-rikonjizzjoni kienu rrapportati kemm mill-UE kif ukoll mill-alleati tagħha<sup>108</sup>. L-istess japplika għad-deterrenza strateġika (inkluża d-difiża nukleari)<sup>109</sup>, fejn l-Istati Membri tal-UE jiddependu b'mod qawwi fuq l-Istati Uniti<sup>110</sup>.

**85** Fl-istess ħin, ir-Russja, iċ-Ċina u nazzjonijiet prinċipali oħra bħalissa qegħdin jinvestu ammonti kbar biex jakkwistaw kapaċitajiet ta' livell għoli u jiżviluppaw teknoloġiji innovattivi<sup>111</sup>, bħall-armi ipersoniċi. L-iżviluppi rapidi fit-teknoloġija joffru

---

<sup>105</sup> “Defending Europe – The case for greater EU cooperation on security and defence” (Niddefendu l-Ewropa – Il-każ għal kooperazzjoni akbar tal-UE b'rabta mas-sigurtà u d-difiża), *Skeda Informattiva tal-Kummissjoni Ewropea*, 2017.

<sup>106</sup> “NATO chief: [Mali shows holes in EU defence](#)” (Il-kap tan-NATO: Il-Mali juri l-lakuni fid-difiża tal-UE), *EU Observer*, 4.2.2013.

<sup>107</sup> L-abilitaturi strateġiċi jippermettu l-iskjerament, l-effettività u s-sostenibbiltà tal-operazzjonijiet militari.

<sup>108</sup> Il-[Konferenza stampa](#) mis-Segretarju Ġenerali tan-NATO Anders Fogh Rasmussen, wara l-laqgħa tal-Ministri tad-Difiża, 5.10.2011; u l-[intervista mal-Ġeneral Mikhail Kostarakos](#), eks President tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea (EUMC), *European Defence Matters*, il-[Ħarġa 11/2016](#).

<sup>109</sup> “L-Ewropa b'mod partikolari tiddependi kompletament fuq il-kappa nukleari tal-Istati Uniti”, *Sven Biscop*, *Egmont Paper* 103, *Fighting for Europe: Europe strategic autonomy and the use of force* (Il-ġlied għall-Ewropa: L-awtonomija strateġika tal-Ewropa u l-użu tal-forza), Jannar 2019.

<sup>110</sup> “European Strategic Autonomy - Actors, Issues, Conflicts of Interests” (L-Awtonomija Strateġika Ewropea - Atturi, Kwistjonijiet, Kunflitti ta' Interess), *SWP research Paper*, Barbara Lippert, Nicolai von Ondarza u Volker Perthes (edituri), 2019.

<sup>111</sup> Ir-rapport ġenerali lill-Assemblea Ġenerali tan-NATO, “Maintaining NATO’s technological edge: strategic adaptation and defence research and development” (Iż-żamma tal-vantaġġ

possibiltajiet ġodda għall-forzi armati u jikkawżaw ħtiġijiet ġodda ta' kapaċità militari. Kif tirrikonoxxi l-EUGS, hemm bżonn li l-Istati Membri tal-UE jinvestu f' "kapaċitajiet diġitali għas-sikurezza tad-*data*, in-netwerks u l-infrastruttura kritika fl-ispazju diġitali Ewropew"<sup>112</sup>. Fl-2017, rapport ippreżentat fil-Konferenza ta' Munich dwar is-Sigurtà stima li kienu meħtieġa USD 30-50 biljun f'investimenti annwali biex tingħeleb id-diskrepanza fl-interkonnnettività u d-diġitalizzazzjoni tal-Forzi Ewropej<sup>113</sup> f'oqsma bħall-konnessjoni tal-pjattaformi u l-kmand, il-kontroll, il-komunikazzjonijiet, il-kompjuters, l-intelligence, is-sorveljanza u r-rikonjizzjoni.

**86** Attwalment, l-Istati Membri tal-UE huma 'l bogħod milli jkollhom il-kapaċitajiet militari li għandhom bżonn biex jilħqu l-livell ta' ambizzjoni militari tal-UE<sup>114</sup> (ara l-*Kaxxa 1*). Studju reċenti mill-Istitut Internazzjonali għall-Istudji Strateġiċi (IISS) u l-Kunsill Ġermaniż dwar ir-Relazzjonijiet Barranin (DGAP) jivvaluta sa fejn l-UE hija kapaċi tissodisfa dan il-livell ta' ambizzjoni, abbażi tal-kapaċitajiet attwali tal-Istati Membri u dawk proġettati għall-2030<sup>115</sup>. Billi jassumi kontinġenzi differenti derivati mil-livell ta' ambizzjoni tal-UE, l-istudju jikkonkludi li hemm lakuni estensivi ta' kapaċità fl-oqsma kollha u ħafna drabi jkun ssodisfati anqas minn terz tar-rekwiżit ta' forza u għalhekk l-awtonomija strateġika Ewropea hija limitata għat-tarf ta' isfel tal-ispettru operazzjonali.

**87** Barra minn hekk, kieku l-membri tal-UE li qegħdin fl-UE kellhom jiddefendu ruħhom kontra aggressjoni militari mingħajr ma jistrieħu fuq il-protezzjoni militari mill-Istati Uniti, huwa stmat li jkun meħtieġ investiment ta' bosta mijiet ta' biljuni ta' euro biex tingħeleb il-lakuna attwali ta' kapaċitajiet. Fil-fatt, billi jassumi xenarju ipotetiku ta' gwerra reġjonali limitata fl-Ewropa kontra stat terz, studju ieħor tal-IISS jivvaluta li l-

---

teknoloġiku tan-NATO: adattament strateġiku u riċerka u żvilupp dwar id-difiża), Ottubru 2017.

<sup>112</sup> "L-Istrateġija Globali tal-UE għall-Politika Estera u ta' Sigurtà", Ġunju 2016.

<sup>113</sup> Jekk wieħed jassumi ċiklu ta' titjib ta' ħames sa seba' snin - "More European, More Connected and More Capable" (Aktor Ewropej, Aktar Konnessi u Aktar Kapaċi), il-Konferenza ta' Munich dwar is-Sigurtà, McKinsey and Hertie school of governance, 2017.

<sup>114</sup> "Coordinated Annual Review on Defence" (Ir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża), *Skeda Informattiva tal-EDA*, 26.11.2018: Il-kontribut tal-Kumitat Militari tal-UE għall-Prova tal-CARD stabbilixxa li l-UE ma għandhiex disponibbli l-kapaċitajiet militari kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Livell ta' Ambizzjoni (LoA) militari tal-PSDK tal-UE derivat mill-Istrateġija Globali tal-UE.

<sup>115</sup> "Protecting Europe: meeting the EU's military level of ambition in the context of Brexit" (Il-Protezzjoni tal-Ewropa: issodisfar tal-livell ta' ambizzjoni militari tal-UE fil-kuntest ta' Brexit), IISS u DGAP, Novembru 2018.

membri Ewropej tan-NATO jkollhom jinvestu bejn USD 288 biljun u USD 357 biljun biex jegħlbu l-lakuni ta' kapaċità ġġenerati minn dan ix-xenarju<sup>116</sup>.

**88** L-identifikazzjoni tal-prijoritajiet ta' kapaċità hija eżerċizzju dinamiku. Kif muri fl-*Anness III*, il-ħtiġijiet ta' kapaċità tad-difiża jevolvu maż-żmien, abbażi tan-natura tat-theddiet identifikati u l-livell ta' ambizzjoni tal-UE<sup>117</sup>. Il-*Kaxxa 4* turi xi nuqqasijiet ewlenin ta' kapaċità, abbażi tal-informazzjoni disponibbli.

#### Kaxxa 4

##### Eżempji ta' nuqqasijiet ta' kapaċità

L-artikoli akkademiċi ppubblikati bejn l-2016 u l-2019 ħafna drabi identifikaw eżempji ta' lakuni ta' kapaċità fl-Istati Membri tal-UE fl-oqsma li ġejjin:



Ajru – vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (droni), riforniment ta' fjuwil fl-ajru, trasport bl-ajru strateġiku u tattiku, sistemi ta' kmand u kontroll tal-ajru, munizzjon ta' preċizzjoni, kapaċitajiet ta' difiża kontra l-missili ballistiċi, kapaċitajiet kontra l-aċċess u ta' ċaħda taż-żona, trażżin tal-kapaċitajiet ta' difiża antiajru tal-għadu;



Spazju – komunikazzjoni bis-satellita u osservazzjoni tad-dinja, aċċess awtonomu għall-ispazju;



Superjorità tal-informazzjoni – kapaċitajiet ta' intelligence, sorveljanza u rikonjizzjoni;



Teknoloġiji tal-ICT – gwerra ċibernetika, intelliġenza artifiċjali;



Navali – sorveljanza marittima, bastimenti amfibi, sottomarini, kapaċità ta' skjerament f'pajjiżi oħra;

<sup>116</sup> D. Barrie et al., "Defending Europe: scenario-based capability requirements for NATO's European members" (Id-difiża tal-Ewropa: rekwiżiti ta' kapaċità bbażati fuq ix-xenarju għall-membri Ewropej tan-NATO), L-Istitut Internazzjonali għall-Istudji Strateġiċi, April 2019.

<sup>117</sup> Fil-livell tal-UE, il-Katalgu tal-Progress 18 (dokument klassifikat) jiddefinixxi l-livell ta' ssodisfar tal-livell ta' ambizzjoni militari tal-PSDK tal-UE u jippreżenta n-nuqqasijiet prijoritizzati ta' kapaċitajiet militari tal-UE, magħrufin bħala l-Objettivi ta' Kapaċitajiet ta' Impatt Kbir. Dawn jirrappreżentaw il-lakuni ta' kapaċità li għandhom jiġu indirizzati fuq perjodu ta' żmien qasir (2026) u medju (2032).



Abilitaturi strateġiċi – mobbiltà militari, trasport strateġiku, u evakwazzjoni medika;



Art – kapaċitajiet ta' attakk bi preċiżjoni bbażati fuq l-art, vetturi tal-għied armati moderni.

## L-impatt tal-Brexit

**89** Mingħajr preġudizzju għall-eżitu tal-Brexit, il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE huwa probabbli li jkollu konsegwenzi għad-difiża tal-UE. Ir-Renju Unit tradizzjonalment kien l-aktar li jonfoq fid-difiża fl-Ewropa. Fl-2017, il-baġit tiegħu għad-difiża kien jammonta għal madwar kwart tan-nefqa totali tal-Istati Membri tal-UE fid-difiża<sup>118</sup>. Jekk wieħed jaraha minn perspettiva differenti, il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE jfisser li 80 % tal-infiq fid-difiża tan-NATO se jseħħ f'pajjiżi mhux tal-UE<sup>119</sup>. Barra minn hekk, il-kumpaniji Ingliżi għandhom pożizzjoni b'saħħitha fis-suq tad-difiża Ewropew<sup>120</sup>.

**90** F'termini operazzjonali, il-kontribut tar-Renju Unit għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet kemm ċivili kif ukoll militari tal-PSDK kien limitat b'mod ġenerali: huwa kien jammonta għal madwar 2.3 % tal-kontribuzzjonijiet ta' persunal tal-Istati Membri u pprova assi bħal bastimenti navali, inġenji tal-ajru u rinforzi ta' truppi ta' riżerva<sup>121</sup>. Min-naħa l-oħra, it-telf ta' abilitaturi strateġiċi fl-Ajru (ir-riforniment ta' fjuwil fl-ajru u l-kapaċitajiet ta' intelligence, sorveljanza u rikonjizzjoni) u ta' forzi ta' operazzjonijiet speċjali huma eżempju ta' oqsma ta' kapaċità li se jiġu affettwati b'mod qawwi mill-Brexit.

**91** Konsegwentement, l-UE27 se jkollha konsiderevolment anqas riżorsi biex timla l-lakuni identifikati fil-kapaċitajiet u r-riċerka militari. Fiż-żewġ oqsma, in-nuqqasijiet

<sup>118</sup> Fl-2017, ir-Renju Unit investa EUR 45.3 biljun fid-difiża, jiġifieri 22.1 % mill-EUR 205.1 biljun minfuqa mill-EU28. Ċifri tal-Eurostat, In-nefqa tal-gvern ġenerali skont il-funzjoni (COFOG), ippubblikati fit-22.3.2019.


<sup>119</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13.6.2018 dwar ir-relazzjonijiet UE-NATO, 2017/2276(INI), il-punt 19.

<sup>120</sup> Abbażi tal-klassifikazzjoni tal-aqwa 100 tal-SIPRI, fl-2018 is-sehem tagħhom mill-fatturat relatat mad-difiża fost il-kumpaniji Ewropej kien ta' 38 %.

<sup>121</sup> "Brexit: Common Security and Defence Policy missions and Operations" (Brexit: Il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni), House of Lords – Il-Kumitat għall-Unjoni Ewropea, Mejju 2018.

wisq probabbli se jiġu aggravati bil-Brexit: anki jekk ma jkunx distribwit b'mod uniformi fl-ispettru tal-kapaċitajiet, Brexit se jinvolvi tnaqqis materjali fil-kapaċitajiet eżistenti ġenerali tal-UE (il-**Figura 7**) u lakuna ta' investiment fir-riċerka u l-iżvilupp<sup>122</sup>.

**Figura 7 – Is-sehem tar-Renju Unit mit-tagħmir militari magħżul totali tal-Istati Membri tal-UE, 2018**



Sors: II-QEA, ibbażat fuq il-Bilanċ Militari tal-IISS tal-2019.

## 2.2 Karatteristiċi ewlenin tal-industrija tad-difiża Ewropea

### Is-settur tad-difiża

**92** Is-suq tad-difiża huwa uniku meta mqabbel mas-swieq kummerċjali tradizzjonali. Il-karatteristika distintiva prinċipali hija r-rwol ċentrali tal-gvernijiet. Fil-fatt, is-suq nazzjonali tad-difiża ħafna drabi jissejjaħ monopsonija: hemm xerrej wieħed – l-Istat – u bosta fornituri. Bħala l-uniċi klijenti finali, il-gvernijiet jibdeu, jispeċifikaw, jirregolaw u jiffinanzjaw l-iżvilupp u l-akkwist tat-tagħmir tad-difiża.

**93** Is-settur tad-difiża huwa ta' importanza strateġika. L-industrija tikkontribwixxi għall-awtonomija ta' azzjoni tal-Istat billi tipproduċi l-kapaċitajiet meħtieġa u tiżgura s-sigurtà tal-provvista. Is-settur għalhekk huwa regolat ħafna fil-livell nazzjonali<sup>123</sup>. B'mod partikolari, il-prodotti tad-difiża jistgħu jkunu soġġetti għal restrizzjonijiet fuq l-

<sup>122</sup> In-nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp għad-difiża kienet ta' EUR 3.2 biljun fir-Renju Unit fl-2017 (data tal-EDA).

<sup>123</sup> Is-Sit web tad-DG GROW.

isfruttament tal-proprjetà intellettuali jew l-opportunitajiet ta' esportazzjoni<sup>124</sup>. Barra minn hekk, l-aċċess għas-suq nazzjonali tad-difiża ħafna drabi huwa ristrett mill-politika tal-akkwisti tal-gvern, għar-raġunijiet ta' protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà u l-appoġġ għall-bażi industrijali nazzjonali<sup>125</sup>. B'riżultat ta' dan, l-ostakoli għad-dħul u l-ħruġ mis-suq huma għoljin.

**94** Is-settur tad-difiża huwa intensiv fir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż)<sup>126</sup>. L-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża jirrikjedi teknoloġija innovattiva u ta' livell għoli, bil-għan li jiġi pprovdut vantaġġ militari komparattiv. Dan jinvolvi investimenti sinifikanti bil-quddiem u ċikli twal ta' żvilupp tal-kapaċità, mingħajr l-ebda garanzija finali ta' kummerċjalizzazzjoni għall-kumpaniji tad-difiża. Sabiex jiġu mitigati r-riskji teknoloġiċi u finanzjarji assoċjati mal-iżvilupp tal-kapaċitajiet, ir-riċerka dwar id-difiża ġeneralment hija ffinanzjata 100 % mill-gvernijiet.

## Xejriet ewlenin

**95** Is-settur industrijali tad-difiża huwa kkaratterizzat minn forom ġodda ta' dipendenza<sup>127</sup>. L-ewwel nett, huwa qiegħed isir aktar globalizzat. Il-kumpaniji ewlenin tad-difiża huma aktar dipendenti fuq il-bejgħ għall-esportazzjoni, u l-ktajjen tal-provvista tagħhom huma aktar kumplessi, varjati u internazzjonali.

**96** Barra minn hekk, is-settur tad-difiża huwa dejjem aktar dipendenti fuq l-innovazzjoni fis-settur ċivili<sup>128</sup>. Jinħolqu opportunitajiet iżda anki sfidi kbar mir-riċerka u l-iżvilupp b'użu doppju, billi t-teknoloġiji l-aktar avvanzati – bħall-intelliġenza

<sup>124</sup> "Financial instruments in support of a resilient and autonomous defence sector" (Strumenti finanzjarji b'appoġġ għal settur tad-difiża reżiljenti u awtonomu), Il-Grupp ta' Esperti dwar l-Istrumenti Finanzjarji, Novembru 2018.

<sup>125</sup> "Europe's Defence Industry: An Economic Perspective" (L-Industrija tad-Difiża Ewropea: Perspettiva Ekonomika), K. Hartley, 2013.

<sup>126</sup> Defence Sector Report (Rapport dwar is-Settur tad-Difiża), House of Commons, Il-Kumitat għall-ħruġ mill-Unjoni Ewropea, Novembru 2017.

<sup>127</sup> "The development of a European Defence Technological and Industrial Base (EDTIB)" (L-iżvilupp ta' Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB), Studju għas-Sottokumitat tal-Parlament Ewropew għas-Sigurtà u d-Difiża, Ġunju 2013.

<sup>128</sup> M. Drent u D. Zandee, "More European defence cooperation" (Aktor kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tad-difiża), Clingendael Institute, Ġunju 2018.

artifiċjali, il-vetturi mingħajr ekwipaġġ, il-big *data* jew in-nanoteknoloġij – huma żviluppanti u prodotti prinċipalment fis-settur ċivili.

**97** Xejra ta' strutturazzjoni ewlenija oħra fis-settur tad-difiża hija ż-żieda fil-kost tat-tagħmir u s-sistemi tad-difiża. F'kuntast ta' kompetizzjoni teknoloġika, iż-żieda fil-kostijiet interġenerazzjonali tat-tagħmir tad-difiża f'dawn l-aħħar deċennji kienet skonnessa minn u qabżet b'mod konsiderevoli t-tkabbir fil-baġits għad-difiża. Dan wassal għal tnaqqis fl-għadd ta' unitajiet li l-baġits nazzjonali jistgħu jippermettu, tnaqqis fit-tul tas-sensiliet prodotti, kapaċità limitata li jiġu sfruttati l-ekonomiji ta' skala u frekwenza aktar baxxa ta' proġetti ta' żvilupp ġodda<sup>129</sup>.

### Ix-xenarju industrijali tad-difiża Ewropea

**98** Ma jeżistix sett ta' *data* komprensiv dwar il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB)<sup>130</sup>. L-industrija Ewropea tad-difiża għandha fatturat ta' madwar EUR 100 biljun u timpjega madwar 500 000 ruħ b'mod dirett<sup>131</sup>. Hija strutturata bħal piramida<sup>132</sup>, b'għadd limitat ta' kumpaniji kbar tad-difiża – il-kuntratturi ewlenin – fil-quċċata. Tul il-katina tal-provvista, dawn il-kumpaniji huma appoġġati minn 2000-5000 kumpanija f'livell aktar baxx<sup>133</sup> – prinċipalment kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u SMEs – li jipprovdu sottosistemi jew komponenti lill-kuntratturi ewlenin.

**99** L-EDTIB mhijiex mifruxa b'mod uniformi madwar l-UE. B'riflessjoni tal-livell tal-baġits nazzjonali, l-industriji tad-difiża huma kkonċentrate fis-sitt pajjiżi tal-Iltra ta' Intenzjoni<sup>134</sup> (LoI), jiġifieri Franza, il-Ġermanja, l-Italja, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

<sup>129</sup> Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni Ewropea, Valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża", SWD(2018) 345 final, Ġunju 2018.

<sup>130</sup> Keith Hartley, "Creating a European Defence Industrial Base" (Ħolqien ta' Bażi Industrijali tad-Difiża Ewropea), 2013.

<sup>131</sup> Is-Sit web tad-DG GROW: [https://ec.europa.eu/growth/sectors/defence\\_mt](https://ec.europa.eu/growth/sectors/defence_mt).

<sup>132</sup> A. Marrone and A. R. Ungaro, "Actors in the European defence policy area: roles and developments" (L-atturi fil-qasam tal-politika ta' difiża Ewropea: ir-rwoli u l-iżviluppi), *Istituto affari internazionali*, Novembru 2014.

<sup>133</sup> Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni Ewropea, Valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża", SWD(2018) 345 final, Ġunju 2018.

<sup>134</sup> L-Iltra ta' Intenzjoni ġiet iffirmata fl-20.7.1998 minn sitt pajjiżi tal-UE biex jistabbilixxu qafas kooperattiv sabiex jiffaċilitaw ir-ristrutturar tal-industrija Ewropea tad-difiża.

Dawn jiġġeneraw aktar minn 80 % tal-fatturat fis-settur tad-difiża Ewropea<sup>135</sup>. Il-kapaċitajiet u l-kompetittività tad-DTIB ivarjaw bejn l-Istati Membri u s-sotto-setturi<sup>136</sup> (ara l-**Anness IV** għall-karatteristiċi ewlenin tas-setturi ajruspazjali, tal-art u navali). Din il-bażi frammentata hija r-riżultat ta' kulturi ġeografiċi, storiċi u militari li kkontribwew għat-tiswir tal-panorama industrijali fid-diversi Stati Membri<sup>137</sup>. Fl-Ewropa, hemm DTIBs daqs kemm hemm Stati Membri u politiki nazzjonali relatati fl-oqsma tad-difiża, tat-teknoloġija, tas-swieq, tal-akkwisti, eċċ<sup>138</sup>.

**100** Studji indikaw il-punti ta' forza tas-settur tad-difiża fl-Ewropa. B'mod partikolari, l-industrija tad-difiża tal-Ewropa b'mod ġenerali kienet deskritta bħala globalment kompetittiva, innovattiva, ta' teknoloġija avvanzata u xprunata mill-kapaċità<sup>139</sup>. L-industrija Ewropea tad-difiża hija kapaċi tipprovdi spettru sħiħ ta' kapaċitajiet ta' difiża, minn pjattaformi kbar u kumplessi sa prodotti innovattivi. Madankollu, bosta xejriet negattivi affettwaw l-EDTIB u l-kompetittività globali tagħha f'dawn l-aħħar snin (ara l-**Anness V**).

### Min-naħa tad-domanda: l-Istati Membri

**101** Il-kompetittività tal-industrija tad-difiża tiddependi ħafna fuq id-domanda mill-Istati Membri. Bejn l-2007 u l-2015, sar tnaqqis sinifikanti ta' madwar 15 % fil-baġits nazzjonali tal-UE għad-difiża, f'kuntest fejn ġiet irreġistrata żieda globali fl-infiq militari. Mill-2015, ix-xejra fl-infiq ġenerali fid-difiża fl-UE kienet pożittiva<sup>140</sup>, għalkemm f'termini reali, in-nefqa fid-difiża fl-2017 kien għadha aktar baxxa mil-livell tagħha tal-2007 (il-**Figura 8**).

<sup>135</sup> L-Assoċjazzjoni tal-Industriji Ajruspazjali u tad-Difiża tal-Ewropa, *Facts and figures*, 2017.

<sup>136</sup> C. Mölling, "Future of the EDTIB at the Defence Council 2013. The German Position, European Realities and December Opportunities" (Il-ġejjieni tal-EDTIB fil-Kunsill tad-Difiża 2013. Il-Pożizzjoni Ġermaniża, ir-Realtajiet Ewropej u l-Opportunitajiet ta' Diċembru), 2013.


<sup>137</sup> "The State of Europe's defence industrial base" (L-Istat tal-bażi industrijali tad-difiża tal-Ewropa), l-Assemblea Parlamentari tan-NATO, il-Kumitat Ekonomiku u tas-Sigurtà, Ottubru 2017.

<sup>138</sup> "The development of a European Defence Technological and Industrial Base (EDTIB)" (L-iżvilupp ta' Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB), Studju għas-Sottokomitāt tal-Parlament Ewropew għas-Sigurtà u d-Difiża, Ġunju 2013.

<sup>139</sup> Ir-Rapport tal-Grupp ta' Personalitajiet dwar l-Azzjoni Preparatorja għar-riċerka relatata mal-PSDK, Frar 2016.

<sup>140</sup> **Sejbiet tal-prova tal-CARD.**

**Figura 8 – Evoluzzjoni tan-nefqa fid-difiża 2007-2017 (USD miljun attwali)**




Sors: Il-QEA, ibbażat fuq id-database tal-SIPRI<sup>141</sup>.

**102** It-tnaqqis fid-domanda interna fis-suq tal-UE, flimkien maż-żieda fid-domanda fis-swieq internazzjonali, wasslu lill-industrija tad-difiża tal-UE biex iżżid l-esportazzjonijiet tagħha lejn swieq mhux tal-UE<sup>142</sup>. Kif turi l-*Figura 9*, l-UE – għalkemm xorta għadha aktar lura mill-Istati Uniti u r-Russja – tirrappreżenta sehem sinifikanti mill-esportazzjonijiet totali tal-armi, li juri l-kompetittività tal-industrija tad-difiża.

<sup>141</sup> F’dan ir-rapport analitiku, aħna nużaw id-databases tal-Istitut Internazzjonali ta’ Riċerka dwar il-Paċi ta’ Stokkolma (SIPRI) bħala referenza għall-analiżi tagħna. Għal-limitazzjonijiet tad-*data* sottostanti u l-impatt relatat fuq l-analiżi tagħna, ara <https://www.sipri.org/databases>.

<sup>142</sup> “The extra-EU defence exports’ effects on European armaments cooperation” (L-effetti tal-esportazzjonijiet tad-difiża barra mill-UE fuq il-kooperazzjoni Ewropea dwar l-armamenti), Studju għas-Sottokomitat tal-Parlament Ewropew għas-Sigurtà u d-Difiża, Ġunju 2015.

**Figura 9 – Sehem medju mill-esportazzjonijiet tal-armi, 2010-2018 (korrett mill-esportazzjonijiet intra-UE)**



Sors: II-QEA, ibbażat fuq id-database tal-SIPRI.

**103** L-EDTIB hija dejjem aktar dipendenti fuq l-esportazzjonijiet, li toħloq sfidi għall-ġejjieni. L-ewwel sfida huma d-differenzi bejn il-politiki u l-leġislazzjoni tal-Istati Membri tal-UE dwar l-esportazzjonijiet tal-armi. Billi l-ktajjen tal-provvista tal-manifatturi tad-difiża ewlenin tal-Ewropa huma dejjem aktar integrati, il-fatt li l-politiki tal-Istati Membri dwar l-esportazzjoni jvarjaw<sup>143</sup> jista' jillimita l-opportunitajiet għall-kumpaniji ewlenin tal-UE biex ikunu kompetittivi fis-suq internazzjonali.

**104** Barra minn hekk, it-trasferimenti tat-teknoloġija meħtieġa biex jiġu aċċessati s-swieg barranin, flimkien ma' investimenti sinifikanti fid-difiża f'pajjiżi barranin, wasslu biex tfaċċaw kompetituri internazzjonali ġodda<sup>144</sup>. Biex iżżomm il-vantaġġ kompetittiv tagħha, l-industrija tal-UE tiddependi fuq il-kapaċità tagħha li tiġġedded.

**105** Madankollu, il-baġits għad-difiża tal-Istati Membri tal-UE huma kkaratterizzati minn proporzjon għoli ta' spejjeż tal-persunal (49 %) meta mqabbel man-nefqa għall-

<sup>143</sup> "The further development of the Common Position 944/2008/CFSP on arms exports control" (L-iżvilupp ulterjuri tal-Pożizzjoni Komuni 944/2008/PESK dwar il-kontroll tal-esportazzjonijiet tal-armi), Studju għas-Sottokomitat tal-Parlament Ewropew għas-Sigurtà u d-Difiża, Lulju 2018.

<sup>144</sup> "The State of Europe's defence industrial base" (L-Istat tal-bażi industrijali tad-difiża tal-Ewropa), l-Assemblea Parlamentari tan-NATO, il-Komitat Ekonomiku u tas-Sigurtà, Ottubru 2017.

investment (21 %) <sup>145</sup>. Barra minn hekk, it-tnaqqis preċedenti fil-baġits għad-difiża affettwa b' mod negattiv in-nefqa fuq ir-R&Ż <sup>146</sup>. Il-fatt li l-Istati Membri ma jilħqux kollettivament il-mira ta' 2 % għar-riċerka u t-teknoloġija dwar id-difiża <sup>147</sup> jqajjem dubji dwar il-kapaċità fit-tul tagħhom li jgħeddu fit-teknoloġija tal-ġejjieni <sup>148</sup> u b'hekk jipperikola l-kompetittività tal-EDTIB.

**106** Sa issa, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE fl-investimenti fir-R&Ż u fit-tagħmir tad-difiża kienet limitata u anqas mill-mira <sup>149</sup> (il-**Figura 10**). It-tentattivi preċedenti tal-UE biex tappoġġa l-istabbiliment ta' suq Ewropew miftuħ u kompetittiv tat-tagħmir tad-difiża ma kellhomx suċċess. B' mod partikolari, l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-2009 dwar l-Akkwist Pubbliku fil-qasam tad-Difiża ma kinitx uniformi fl-Istati Membri kollha <sup>150</sup>. Sehem sinifikanti ħafna min-nefqa għall-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża, b' mod partikolari għal sistemi ta' difiża strateġiċi u ta' valur għoli, għadu jseħħ barra d-Direttiva <sup>151</sup>, li jwassal biex il-kuntratti jingħataw prinċipalment lil kumpaniji nazzjonali.

---

<sup>145</sup> *Data* dwar id-difiża għas-snin 2016-2017, EDA.

<sup>146</sup> Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja d-dokument "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża", SWD(2018) 345 final, 13.6.2018.

<sup>147</sup> F'Novembru 2007, il-Bord ta' Tmexxija Ministerjali tal-EDA approva erba' parametri referenzjarji kollettivi għall-investment:

- Akkwist ta' tagħmir: 20 % tal-infiq totali fid-difiża;
- Akkwist kollaborattiv ta' tagħmir: 35 % tal-akkwist totali ta' tagħmir;
- R&T dwar id-difiża: 2 % tal-infiq totali fid-difiża;
- R&T kollaborattivi: 20 % tal-R&T totali dwar id-difiża.


<sup>148</sup> "Coordinated Annual Review on Defence" (Ir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża), *Skeda Informattiva tal-EDA*, 26.11.2018.

<sup>149</sup> Għal-limitazzjonijiet tad-*data* marbuta maċ-ċifri rrapportati, ara <https://www.eda.europa.eu/info-hub/publications/publication-details/pub/defence-data-2016-2017>.

<sup>150</sup> Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist pubbliku fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà, għall-konformità mal-Artikolu 73(2) ta' dik id-Direttiva, COM(2016) 762 final, 30.11.2016.

<sup>151</sup> *Ibid.*

**Figura 10 – Riżultati tal-parametru referenzjarju għall-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri - 2017**



Sors: Il-QEA, ibbażat fuq id-Data dwar id-Difiża tal-EDA 2016-2017.

### Min-naħa tal-provvista: l-industrija

**107** Sabiex jadatta għaż-żieda fil-globalizzazzjoni tas-suq tad-difiża, is-settur tad-difiża għadda minn proċess ta' konsolidament permezz ta' fużjonijiet u akkwizzjonijiet, li wassal għat-tfaċċar ta' ftit kumpaniji multinazzjonali kbar, bħal BAE, Airbus u Thales. Madankollu, il-konsolidament transfruntier kien limitat prinċipalment għas-setturi ajruspazjali u tal-elettronika. Il-prevalenza ta' konsiderazzjonijiet dwar is-sovranità nazzjonali wasslet għal proċess ta' konsolidament li seħħ prinċipalment fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari fis-segmenti tal-art u navali.


**108** In-nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa tad-domanda, jiġifieri bejn l-Istati Membri, impedixxa aktar integrazzjoni u konsolidament fis-suq Ewropew tat-tagħmir tad-difiża<sup>152</sup>. Min-naħa tagħha, din il-frammentazzjoni twassal għal ineffiċjenzi fil-forma ta' duplikazzjoni, kapaċità eċċessiva f'xi oqsma u nuqqas ta' ekonomiji ta' skala, u dawn fl-aħħar mill-aħħar ixkekku l-kompetittività tal-industrija Ewropea tad-difiża fis-suq globali u, minn perspettiva operazzjonali, ma jappoġġawx l-interoperabbiltà bejn il-forzi armati tal-Istati Membri. Meta mqabbla mal-Istati Uniti li għandha 11-

<sup>152</sup> Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni Ewropea, Valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża, SWD(2018) 345 final, Ġunju 2018.

il pjattaforma u sistemi ta' difiża, l-Ewropa kellha 36 fil-produzzjoni fl-2013<sup>153</sup>, minkejja li n-nefqa militari tal-UE hija 2.5 darbiet anqas minn dik fl-Istati Uniti.

**109** Il-pożizzjoni globali tal-industrija tad-difiża tal-UE hija riflessa fis-sehem tagħha mill-fatturat tal-aqwa 100 kumpanija tad-difiża<sup>154</sup>. Il-kumpaniji prinċipali tal-UE jammontaw għal sehem sinifikanti mill-fatturat globali (madwar kwart), iżda għadhom ferm aktar lura mill-kumpaniji tal-Istati Uniti, li qegħdin f'pożizzjoni dominanti. Ix-xejra matul l-aħħar 20 sena (il-**Figura 11**) turi żieda fil-kompetizzjoni minn kumpaniji mhux ibbażati fl-UE u fl-Istati Uniti. F'termini ta' atturi ewlenin, il-fatturat iġġenerat mill-aqwa ħames kumpaniji tal-UE u tal-Istati Uniti (il-**Figura 12**) juri li l-kumpaniji prinċipali tal-Istati Uniti joperaw fuq skala ferm akbar minn dawk tal-UE.

**Figura 11 – Sehem mill-fatturat tal-aqwa 100 kumpanija tad-difiża, 2007 sal-2017**




Sors: Il-QEA, ibbażat fuq id-Database tas-SIPRI.

<sup>153</sup> V. Briani, "Armaments duplication in Europe: A quantitative assessment" (Id-duplikazzjoni tal-armamenti fl-Ewropa: Valutazzjoni kwantitattiva), Nota politika tas-CEPS, Nru 297, Lulju 2013.

<sup>154</sup> Il-klassifikazzjoni tal-aqwa 100 tas-SIPRI ma tkoprix il-kumpaniji produtturi tal-armi Ċiniżi.

**Figura 12 – Fatturat tal-aqwa 5 kumpaniji tal-Istati Uniti u tal-UE (2017) – EUR miljun**



Sors: II-QEA, ibbażat fuq id-Database tal-SIPRI.


**110** Il-pożizzjonament rispettiv tal-bażijiet industrijali tad-difiża tal-UE u tal-Istati Uniti fis-suq globali jenfasizza l-kompetittività tal-industrija Ewropea tad-difiża. F'termini ta' rabtiet industrijali u kummerċjali, l-importazzjonijiet tal-UE minn kumpaniji tal-Istati Uniti huma qrib l-iskambji intra-UE matul il-perjodu 2010-2018 u jammontaw għal 40 % (il-**Figura 13**). Matul l-istess perjodu, aktar minn 50 % tal-importazzjonijiet ta' armi fl-Istati Uniti kienu joriġinaw mill-Istati Membri tal-UE<sup>155</sup>, iżda dan jirrappreżenta ammont limitat f'termini assoluti<sup>156</sup>. L-iżbilanċ fil-kummerċ transatlantiku favur l-Istati Uniti huwa relatat ma' (i) id-dominanza teknoloġika tal-Istati Uniti, iżda wkoll ma' (ii) ir-restrizzjonijiet tal-kummerċ biex jiġi aċċessat is-suq tad-difiża tal-Istati Uniti għall-kompetituri barranin u għalhekk tal-UE<sup>157</sup>, u (iii) in-nuqqas ta' preferenza Ewropea fost l-Istati Membri.

<sup>155</sup> Kalkolu tal-QEA bbażat fuq *data* tas-SIPRI.

<sup>156</sup> Daniel Fiott, EUISS, "The poison pill: EU defence on US terms" (Il-pillola vvalenata: Id-difiża tal-UE skont termini tal-Istati Uniti)?, Ġunju 2019.

<sup>157</sup> "Anticipating restructuring in the European defence industry" (Anticipazzjoni tar-ristrutturazzjoni fl-industrija tad-difiża Ewropea), BIPE, Marzu 2008.

**Figura 13 – Sehem tal-importazzjonijiet tal-UE (2017)**




Sors: Il-QEA, ibbażat fuq id-Database tas-SIPRI.

**111** Il-grad ta' dipendenza tal-EDTIB fuq produzzjoni mhux ibbażata fl-UE jvarja skont is-segmenti. Kif muri fil-[Figura 14](#), 2.5 % tal-bastimenti militari prinċipali użati mill-Istati Membri tal-UE jġu minn fornituri mhux tal-UE, filwaqt li dan jżied għal 18.5 % għall-karrijiet armati prinċipali u 39.3 % għall-ajruplani tal-ġlied<sup>158</sup>.

<sup>158</sup> D. Fiott, "Strategic autonomy: towards 'European Sovereignty' in defence" (L-awtonomija strateġika: lejn is-"Sovranità Ewropea" fid-difiża), EUISS, Novembru 2018.

**Figura 14 – Oriġni tal-produzzjoni għall-prodotti tad-difiża użati fl-UE (2017)**




Sors: II-QEA, ibbażat fuq EUISS – “Strategic autonomy: towards ‘European Sovereignty’ in defence” (L-awtonomija strateġika: lejn is-“Sovranità Ewropea” fid-difiża) – Novembru 2018.

**112** Fuq livell globali, il-pożizzjoni dominanti tal-Istati Uniti fil-kummerċ internazzjonali mhijiex uniformi fis-segmenti kollha. B’mod partikolari, il-kumpaniji tad-difiża tal-Istati Uniti għandhom vantaġġ ċar fl-esportazzjonijiet ta’ inġenji tal-ajru, sistemi ta’ difiża antiajru, vetturi blindati u missili. B’kuntrast, il-kumpaniji tal-UE<sup>159</sup> għandhom vantaġġ kompetittiv fl-esportazzjonijiet ta’ bastimenti u sensors (il-*Figura 15*).

<sup>159</sup> Ibbażat fuq il-pajjiżi tal-Lol u n-Netherlands, li jirrappreżentaw 95 % tal-esportazzjonijiet tal-UE.

**Figura 15 – Oriġni tal-prodotti tad-difiża fis-swieq internazzjonali (“valuri tal-indikaturi tax-xejriet”) – 2010-2018**



Sors: Il-QEA, ibbażat fuq id-Database tas-SIPRI.

**113** Għalkemm ma teżistix stampa ġenerali kompleta tad-dipendenza barranija fil-katina tal-provvista, sikwit jiġi rrapportat li l-industrija Ewropea tad-difiża tiddependi fuq teknoloġiji jew sottokomponenti speċifiċi (Stati Uniti) u materja prima kritika (iċ-Ċina). Pereżempju, l-EDTIB tiddependi kompletament fuq l-importazzjonijiet minn għadd żgħir ta' pajjiżi terzi għal 19 mid-39 materja prima kritika li għandha bżonn għall-proċessi ta' produzzjoni tagħha<sup>160</sup>. Din id-dipendenza fuq provvisti esterni thedded mhux biss l-awtonomija ta' azzjoni tal-Istati Membri tal-UE iżda wkoll il-kompetittività tal-industrija Ewropea tad-difiża.

### 2.3 Tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-livell tal-UE

**114** Abbażi tar-raġunament li kooperazzjoni akbar bejn l-Istati Membri ttejjeb il-kapaċitajiet ta' difiża tagħhom u ssaħħaħ l-industrija Ewropea tad-difiża, f'dawn l-aħħar snin kienu żviluppanti bosta inizjattivi biex tiġi promossa l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża fil-livell tal-UE.

#### Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet

**115** Il-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet (CDP) huwa kemm dokument kif ukoll proċess, żviluppat mill-EDA, f'kollaborazzjoni mal-EUMS/EUMC u l-Istati Membri. Huwa jipprovdi stampa ġenerali tar-rekwiżiti ta' kapaċità, bil-għan li jagħmel il-proċessi ta'

<sup>160</sup> “Exploring Europe’s capability requirements for 2035 and beyond” (Analiżi tar-rekwiżiti ta' kapaċità tal-Ewropa għall-2035 u lil hinn), EDA, Ġunju 2018.

ppjanar tad-difiża nazzjonali aktar konsistenti u jappoġġa l-kooperazzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet.

**116** Is-CDP jiġi aġġornat b'mod regolari u ġie rivedut u adottat mill-Istati Membri f'Ġunju 2018. B'mod partikolari, is-CDP tal-2018 iqis il-livell ta' ambizzjoni l-ġdid tal-UE kif stabbilit fl-EUGS (ara l-*Kaxxa 1*) u jirrifletti l-ħtieġa għal “spettru sħiħ” ta' kapaċitajiet, b'mod partikolari kapaċitajiet ta' livell għoli għal gwerra fuq l-art, fl-arju, fil-baħar, fl-ispazju u dik ċibernetika<sup>161</sup>. Bħala parti mill-proċedura tal-2018, l-EDA identifikat 11-il prijorità strateġika<sup>162</sup> (ara l-*Anness III*), li jkopru l-ħtiġijiet u l-opportunitajiet ta' żvilupp tal-kapaċitajiet fuq perjodu ta' żmien qasir sa twil.

## CARD

**117** Ir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD) ġie introdott wara l-adozzjoni tal-IPSD mill-Istati Membri f'Novembru 2016. Il-CARD huwa mekkaniżmu intergovernattiv, implimentat fuq bażi volontarja, bil-għan li jipprovdi mod aktar strutturat biex jiġu żviluppjati l-kapaċitajiet meħtieġa, ibbażat fuq trasparenza u impenji akbar mill-Istati Membri<sup>163</sup>.

**118** Il-CARD għandu l-għan li jistruttura l-proċess ta' ppjanar u jtejjeb il-kooperazzjoni fil-livell tal-UE permezz ta' aktar trasparenza u kondivizzjoni ta' informazzjoni mill-Istati Membri. Permezz ta' monitoraġġ sistematiku mill-EDA, il-proċess tal-CARD jipprovdi stampa ġenerali ta' (i) il-pjanijiet ta' difiża tal-Istati Membri; (ii) il-progress miksub lejn il-prijoritajiet tas-CDP; u (iii) l-iżvilupp tal-kollaborazzjoni Ewropea.

**119** L-ewwel CARD, fil-forma ta' prova, sar fil-ħarifa tal-2018. Fuq il-bażi ta' din il-prova, huwa mistenni li jsir CARD sħiħ fil-ħarifa tal-2019.

<sup>161</sup> “The EU Capability Development Priorities” (Il-Prijoritajiet ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet tal-UE), reviżjoni tas-CDP tal-2018, EDA.

<sup>162</sup> Il-prijoritajiet huma kklassifikati ulterjorment fi 38 sottoqasam dettaljat fir-reviżjoni tas-CDP tal-2018 ta' “The EU Capability Development Priorities” (Il-Prijoritajiet ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet tal-UE).

<sup>163</sup> “Il-Pjan ta' Implimentazzjoni dwar is-Sigurtà u d-Difiża”, 14.11.2016.

## Kaxxa 5

### Konklużjonijiet tal-prova tal-CARD tal-2018<sup>164</sup>

L-ewwel rapport tal-CARD innota xi xejriet pożittivi reċenti, b'mod partikolari l-livell ta' nfiq fid-difiża u s-sehem relattiv ta' programmi kollaborattivi fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet bejn l-Istati Membri.

Madankollu, ir-R&T dwar id-difiża għadu qasam ta' tħassib, bi tnaqqis fis-sehem tal-investimenti allokatu għalih. Dan jipperikola l-kapaċità fit-tul tal-Istati Membri li jiġġeddu fil-qasam tat-teknoloġiji futuri.

## PESCO

**120** Il-kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) ġiet introdotta mit-Trattat ta' Lisbona fl-2009<sup>165</sup>. It-Trattat kien jippermetti lil dawk "l-Istati Membri li l-kapaċitajiet militari tagħhom jissodisfaw kriterji oġġa u li jkunu ħadu impenji aktar vinkolanti ma' xulxin" japprofondixxu b'mod sinifikanti l-kollaborazzjoni ta' bejniethom dwar id-difiża. Il-PESCO hija proċess immexxi mill-Istati Membri fil-qafas tal-UE. Billi hija kemm qafas permanenti kif ukoll proċess strutturat, hija differenti minn oqfsa kooperattivi *ad hoc* oħra.

**121** Il-PESCO ġiet stabbilita formalment fil-11 ta' Diċembru 2017<sup>166</sup> bil-parteċipazzjoni ta' 25 Stat Membru<sup>167</sup>. Hija tinkludi żewġ livelli: (i) it-twertiq ta' impenji ta' livell għoli u (ii) l-iżvilupp ta' proġetti kollaborattivi ta' difiża.

**122** Karatteristika ewlenija tal-PESCO hija n-natura legalment vinkolanti tal-impenji involuti. L-Istati Membri parteċipanti qablu dwar 20 impenn sabiex jinvestu, jippjanaw, jiżviluppaw u joperaw il-kapaċitajiet ta' difiża<sup>168</sup>. Il-progress lejn it-twertiq tal-impenji

<sup>164</sup> "Coordinated Annual Review on Defence" (Ir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża), *Skeda Informattiva tal-EDA*, 26.11.2018.

<sup>165</sup> L-Artikoli 42(6) u 46 tal-Protokoll 10 tat-TUE.

<sup>166</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2315 tal-11 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri parteċipanti.

<sup>167</sup> Id-Danimarka, Malta u r-Renju Unit ma jipparteċipawx fil-PESCO.

<sup>168</sup> <https://pesco.europa.eu/>.

jiġi valutat kull sena mir-Rappreżentant Għoli, abbażi tal-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Nazzjonali li jkunu sottomettew l-Istati Membri.

**123** It-tieni livell tal-PESCO jirrigwarda l-proġetti kollaborattivi. Sa issa, il-Kunsill adotta 34 proġett b'kolloxx<sup>169</sup>, li jittrattaw kemm l-iżvilupp tal-kapaċitajiet kif ukoll l-operazzjonijiet. Il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fil-proġetti individwali hija volontarja, b'medja attwali ta' ħames Stati Membri għal kull proġett. Il-kapaċitajiet żviluppati fil-qafas tal-PESCO huma proprjetà tal-Istati Membri, li jistgħu jiddeċiedu li jużawhom f'oqfsa oħra bħan-NATO.

## Il-Fond Ewropew għad-Difiża

**124** L-idea ta' Fond Ewropew għad-Difiża kienet proposta mill-Kummissjoni fil-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża f'Novembru 2016 (ara l-paragrafu 40). Fil-prattika, ġew stabbiliti żewġ programmi pilota matul il-perjodu 2017-2020, bil-għan li jittestjaw il-fattibbiltà u l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE u jħejju għall-Fond Ewropew għad-Difiża ġejjieni li se jiġi implimentat għall-QFP li jmiss (2021-2027):

- o l-Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża (PADR), b'EUR 90 miljun biex jappoġġaw proġetti kollaborattivi ta' R&T għall-perjodu 2017-2019;
- o il-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP), b'EUR 500 miljun biex jikkofinanzjaw proġetti industrijali konġunti fil-fażi ta' żvilupp għall-perjodu 2019-2020 (*Kaxxa 6*).

### Kaxxa 6

#### EDIDP – L-ewwel proġetti konġunti fl-industrija tad-difiża

F'Marzu 2019, il-Kummissjoni ħarġet il-programm ta' ħidma għall-EDIDP. Sehem mill-baġit ta' EUR 500 miljun ġie allokat għas-sejthiet għal proposti, fl-oqsma li ġejjin<sup>170</sup>:

1. l-abilitazzjoni tal-operazzjonijiet, il-protezzjoni u s-sostenibbiltà tal-forzi militari: EUR 80 miljun;

<sup>169</sup> Fis-6.3.2018 ġew approvati 17-il proġett inizjali, u l-Kunsill qabel dwar lott ieħor ta' 17-il proġett fid-19.11.2018.

<sup>170</sup> Għal lista dettaljata tal-proġetti proposti, ara d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tad-19.3.2019 dwar il-finanzjament tal-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża u l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2019 u għall-2020, C(2019) 2205 final <https://ec.europa.eu/docsroom/documents/34515>.


2. I-intelligence, il-komunikazzjoni sigura u ċ-ċiberdifiża: EUR 180 miljun;
3. I-abbiltà li jitwettqu operazzjonijiet ta' livell għoli: EUR 70 miljun;
4. it-teknoloġiji innovattivi ta' difiża u I-SMEs: EUR 27 miljun.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għażlet żewġ proġetti għal għotja diretta:

5. EUR 100 miljun għall-iżvilupp ta' droni Ewropej ta' reżistenza twila (RPAS MALE);
6. EUR 37 miljun għal sistema tar-radju sigura (Radju Sigur Ewropew definit b'Software).

**125** Għall-QFP li jmiss, il-Fond Ewropew għad-Difiża jibni fuq il-PADR u l-EDIDP billi jintegra l-komponenti tar-riċerka u l-iżvilupp f'fond sħiħ, b'żieda sostanzjali fil-finanzjament, minn EUR 590 miljun għal EUR 13-il biljun. Dan jirrappreżenta żieda ta' 22 darba meta mqabbel maċ-ċiklu ta' seba' snin preżenti. Il-proposta attwali għandha baġit ta' EUR 13-il biljun, maqsumin f'EUR 4.1 biljun għar-riċerka u EUR 8.9 biljun għall-iżvilupp (ara l-**Figura 16**), u b'hekk tagħmel lill-UE r-raba' l-akbar kontributor Ewropew għall-attivitajiet ta' R&Ż relatati mad-difiża<sup>171</sup>.

**Figura 16 – Il-Fond Ewropew għad-Difiża**



Sors: il-QEA.

<sup>171</sup> "Il-baġit tal-UE għall-futur", *Skeda informattiva tal-Kummissjoni Ewropea*, 13.6.2018.

**126** L-għan tal-Fond huwa li jrawwem il-kompetittività, l-effiċjenza u l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-industrija Ewropea tad-difiża, (...) u b'hekk jikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni, f'termini teknoloġiċi u industrijali<sup>172</sup>. Biex jagħmel dan, il-fond għandu l-għan li jstimula u jappoġġa azzjonijiet kollaborattivi u l-kooperazzjoni transfruntiera permezz ta' inċentivi finanzjarji għall-entitajiet ġuridiċi kemm fir-riċerka kif ukoll fl-iżvilupp.

**127** Il-Fond għandu l-karatteristiċi ewlenin li ġejjin:

- Il-proġetti kollaborattivi jridu jinvolve mill-anqas tliet entitajiet eliġibbli minn tliet Stati Membri jew pajjiżi assoċjati.
- Il-livell propost ta' finanzjament jista' jkun sa 100 % għall-fażi tar-riċerka u minn 20 % sa 80 % ta' kofinanzjament (bil-baġits tal-Istati Membri) għall-fażi tal-iżvilupp.
- Huma previsti bonusijiet fil-forma ta' rati ogħla ta' finanzjament biex tiġi promossa l-parteċipazzjoni tal-SMEs u tal-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u għal proġetti tal-PESCO.
- Sehem ta' 4 %-8 % mill-baġit ta' EUR 13-il biljun huwa mistenni li jiġi ddedikat biex jiġu appoġġati teknoloġiji rivoluzzjonarji fid-difiża.

## 2.4 Riskji ta' prestazzjoni assoċjati mal-programmi ta' difiża tal-UE

**128** Meta mqabbla mal-avvanzi limitati fid-difiża fl-istorja tal-UE, l-inizjattivi reċenti (PESCO, CARD u l-Fond Ewropew għad-Difiża) jistgħu jitqiesu bħala “bidla fil-pass”<sup>173</sup>. Madankollu, fir-rigward tal-impatt ta' dawn l-inizjattivi l-ġodda tal-UE u ż-żieda rapida assoċjata fl-infiq, bosta kundizzjonijiet ewlenin biex dawn l-inizjattivi jkunu effettivi għadhom mhumiex fis-seħħ jew mhumiex magħrufa.

<sup>172</sup> L-Artikolu 3 tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża, datata 12.12.2018.

<sup>173</sup> Iċ-Ċentru Ewropew ta' Strateġija Politika, “Joining forces – the way towards the European Defence Union” (It-tagħqid flimkien tal-forzi – it-triq għall-Unjoni Ewropea tad-Difiża), Frar 2019.

## Proċess ta' ppjanar effettiv tal-UE

**129** Sar-reviżjoni tas-CDP tal-2018 (ara l-paragrafu **116**), studju reċenti għall-Parlament Ewropew<sup>174</sup> sab li l-inizjattivi preċedenti ma kienx irnexxielhom joħolqu proċess ta' ppjanar sinifikattiv tal-UE bħala bażi għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet Atwalment, fil-livell tal-UE għad ma hemmx proċess xieraq ta' ppjanar tad-difiża, fil-forma ta' White Book komparabbli mad-dokumenti ta' ppjanar nazzjonali. Fil-prattika, l-Istati Membri jwettqu l-ippjanar u l-akkwisti fil-qasam tad-difiża minn perspettiva nazzjonali, li jissottolinja l-ħtieġa ta' allinjament akbar fil-pjanijiet ta' difiża tagħhom<sup>175</sup>.

**130** Il-proċess ta' ppjanar tal-UE huwa kumpless u jinvolvi bosta partijiet ikkonċernati. Fl-istudju msemmi hawn fuq, dan ġie rrapportat bħala mhux ċikliku, inkomplet minħabba n-nuqqas ta' ambizzjoni militari ċara (ara l-paragrafi **60** sa **61**), u kkaratterizzat minn difetti loġiċi<sup>176</sup>. Huwa jikkonsisti minn erba' saffi sovrapposti li huma frammentati bejn il-partijiet ikkonċernati li jmexxu l-proċessi differenti<sup>177</sup>. Fl-istess ħin, il-passi biex tiżdied il-kapaċità tal-ippjanar tad-difiża tal-UE għandhom tendenza wkoll li jżidu attivitajiet li huma paralleli għal dawk tan-NATO, kif ukoll potenzjalment sovrapposti<sup>178</sup>.

<sup>174</sup> "The European defence planning proċess is ineffective and complicated; it has produced virtually no capability since it came into existence" (Il-proċess ta' ppjanar Ewropew tad-difiża huwa ineffettiv u kumplikat; huwa ma pproduċa tista' tgħid l-ebda kapaċità minn mindu beda jeżisti) minn Frédéric Mauro, "EU Defence: The White Book implementation proċess" (Id-difiża tal-UE: Il-proċess ta' implimentazzjoni tal-White Book), studju mitlub mis-Sottokumitat tal-Parlament Ewropew għas-Sigurtà u d-Difiża, 12.12.2018, p. 64.

<sup>175</sup> EDA, Skeda Informattiva dwar ir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża CARD, aġġornata fis-26.11.2018.

<sup>176</sup> Frédéric Mauro, "EU Defence: The White Book implementation proċess" (Id-difiża tal-UE: Il-proċess ta' implimentazzjoni tal-White Book), studju mitlub mis-Sottokumitat tal-Parlament Ewropew għas-Sigurtà u d-Difiża, 12.12.2018.

<sup>177</sup> "Din is-sistema [tal-UE] ġiet stabbilita fi stadji suċċessivi, bħal saffi wieħed fuq l-ieħor, u l-koerenza ġenerali tagħha ma hija bl-ebda mod assicurata. Fil-fatt, ma hemmx proċess ta' kapaċità wieħed biss fl-UE, iżda erbgħa: il-Mekkaniżmu ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet (...) is-CDP, (...), il-CARD (...) u l-PESCO". Frédéric Mauro u Olivier Jehin, Institut de Relations Internationales et Stratégiques (IRIS) u l-Grupp għar-Riċerka u l-Infommazzjoni dwar il-Paċi u s-Sigurtà (GRIP), "A European Army to do what?" (Armata Ewropea biex tagħmel xiex?), April 2019.

<sup>178</sup> Dick Zandee, "PESCO implementation: the next challenge" (L-implimentazzjoni tal-PESCO: l-isfida li jmiss), Clingendael Institute, Settembru 2018.

**131** Attwalment, il-proċessi ta' ppjanar tal-kapaċitajiet tal-UE u tan-NATO huma neqsin mill-konsistenza. Il-Proċess tal-Ippjanar tad-Difiża tan-NATO ilu jeżisti kważi 50 sena u ġie deskritt bħala proċess strutturat, stabbilit sewwa<sup>179</sup>. B'kuntrast, il-proċess ta' kapaċità stabbilit dan l-aħħar tal-UE għadu mhux matur. Jeżisti l-potenzjal biex is-CPD u l-CARD jiġu allinjati aktar mill-qrib mal-proċessi tal-ippjanar tan-NATO, bil-għan li jiġi żgurat li l-outputs u l-iskedi ta' żmien ikunu konsistenti u jiġu limitati l-inefficijenzi assoċjati mad-duplikazzjoni tal-proċessi<sup>180</sup>.

**132** L-inizjattivi l-ġodda jintroduċu elementi addizzjonali biex jiġi strutturat il-proċess tal-ippjanar. Il-konsistenza u s-sekwenzar xieraq, jiġifieri mill-prijoritajiet għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet, huma ta' importanza kritika<sup>181</sup>. Madankollu, fir-realtà, it-tnedija parallela tad-diversi mekkaniżmi għadha ma ppermettietx li jseħħ fluss loġiku. Fil-fatt, l-ewwel proġetti tal-PESCO kienu adottati f'Marzu 2018, filwaqt li s-CDP ġie rivedut biss f'Lulju 2018. B'mod parallel, il-proġetti tal-PADR bdew sa mill-2017, segwiti mill-EDIDP fil-bidu tal-2019. Sadanittant, l-EDA lestiet prova tal-CARD biss f'Novembru 2018. Ir-rabtiet u l-konsistenza effettivi bejn l-inizjattivi kollha għad iridu jintwerew fil-prattika.

## Il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri

**133** L-implimentazzjoni u l-effettività tal-CARD, tal-Fond Ewropew għad-Difiża u tal-PESCO jiddependu fuq ir-rieda tal-Istati Membri u t-twettiq tal-impenji tagħhom. Billi huma l-Istati Membri li jistabbilixxu l-prijoritajiet, u jiżviluppaw u jużaw il-kapaċitajiet, l-inizjattivi l-ġodda ma jistgħux ikunu ta' suċċess mingħajrhom<sup>182</sup>.

**134** Bħala proċess volontarju, il-CARD jiddependi ħafna fuq il-fiduċja bejn l-Istati Membri. Il-PESCO tinvolvi impenji vinkolanti, iżda r-rieda tal-Istati Membri li jilħquhom

<sup>179</sup> Frédéric Mauro, "EU Defence: The White Book implementation proċess" (Id-difiża tal-UE: Il-proċess ta' implimentazzjoni tal-White Book), studju mitlub mis-Sottokomitati tal-Parlament Ewropew għas-Sigurtà u d-Difiża, 12.12.2018, pp. 12-13.

<sup>180</sup> Il-proċess tal-Objettiv Primarju, li huwa l-approċċ sistemiku tal-UE biex jiġi żviluppata l-kapaċitajiet militari neċessarji għall-PSDK, dan l-aħħar ġie sinkronizzat mal-Proċess tal-Ippjanar tad-Difiża tan-NATO, f'termini ta' skedi ta' żmien, tassonomija u għodod.

<sup>181</sup> EDA, Skeda Informattiva dwar ir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża CARD, aġġornata fis-26.11.2018.

<sup>182</sup> Daniel Fiott, "European Defence Markets and Industries: new initiatives, new challenges" (Is-Swieq u l-Industriji tad-Difiza Ewropej: inizjattivi ġodda, sfidi ġodda), *Nação e Defesa*, Novembru 2018.

tibqa' fattur mhux magħruf, amplifikat mill-fatt li l-abbiltà li jinfurzew dawk l-impenji, għal raġunijiet kemm legali kif ukoll politiċi, hija inċerta ħafna<sup>183</sup>.

**135** Barra minn hekk, il-Fond Ewropew għad-Difiża jassumi xiri sfurzat mill-Istati Membri li huma mistennija jikkofinanzjaw in-nefqa għall-iżvilupp. Għalhekk, l-għadd u t-tipi ta' proġetti se jiddependu mir-rieda tal-Istati Membri li jinvestu fondi addizzjonali. Riskju ieħor huwa li l-inċentivi finanzjarji tal-UE jistgħu jieħdu post pjuttost milli jikkomplementaw il-finanzjament nazzjonali<sup>184</sup>.

### L-impatt fuq il-ħtiġijiet reali ta' kapaċità

**136** Iż-żieda sinifikanti u rapida fil-finanzjament biex jiġu appoġġati l-attivitajiet ta' R&Ż orjentati lejn id-difiża tinvolvi riskji ta' prestazzjoni għall-Fond Ewropew għad-Difiża. B'mod partikolari, hemm ir-riskju li l-finanzjament jista' jintuża bħala eżerċizzju li mhux se jagħmel lill-industrija Ewropea tad-difiża aktar kompetittiva, jew joħloq u jibni l-kapaċitajiet li huma meħtieġa. L-implimentazzjoni tiegħu għalhekk tirrikjedi bilanċ xieraq biex jiġi evitat li jiġi perċepit bħala sussidju għall-SMEs fl-Istati Membri iżgħar, jew bħala għodda ddedikata biss għall-kumpaniji ewlenin fl-Istati Membri akbar<sup>185</sup>.

**137** Fir-rigward tal-PESCO, studju mwettaq mill-European Leadership Network u l-IISS ikkonkluda fi Frar 2019 li għalkemm l-ewwel 34 proġett tal-PESCO kienu utli, ma kienx probabbli li dawn se jkollhom impatt sinifikanti fuq ir-rekwiżiti tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tan-nuqqasijiet identifikati għal-livell ta' ambizzjoni tal-UE<sup>186</sup>. Id-difiża tinvolvi l-ħolqien ta' kapaċitajiet militari reali, b'potenzjal ċar biex jiġu skoraġġiti t-theddidiet possibbli, u timplika stat ta' tħejjija għall-azzjoni meta jkun meħtieġ.

<sup>183</sup> S. Blockmans, "The EU's modular approach to defence integration: An inclusive, ambitious and legally binding PESCO?" (L-approċċ modulari tal-UE għall-integrazzjoni tad-difiża: PESCO inklużiva, ambizzjuża u legalment vinkolanti?), 2018 u Daniel Fiott, "European Defence Markets and Industries: new initiatives, new challenges" (Is-Swieq u l-Industriji tad-Difiża Ewropej: inizjattivi ġodda, sfidi ġodda), *Nação e Defesa*, Novembru 2018.

<sup>184</sup> Bastian Giegerich, "After the EU global strategy: Consulting the Experts" (Wara l-istrateġija globali tal-UE: Konsultazzjoni mal-esperti), 2016.

<sup>185</sup> Daniel Fiott "European Defence Markets and Industries: new initiatives, new challenges" (Is-Swieq u l-Industriji tad-Difiża Ewropej: inizjattivi ġodda, sfidi ġodda), *Nação e Defesa*, Novembru 2018.

<sup>186</sup> Alice Billon-Galland u Yvonne-Stefania Efstathiou, European Leadership Network u IISS, "Are PESCO projects fit for purpose?" (Il-proġetti tal-PESCO huma adatti għall-iskop tagħhom?), 20.2.2019.

## Il-qafas ta' governanza u ta' obbligu ta' rendikont

**138** Il-governanza fil-livell tal-UE hija kumplessa u tinvolvi bosta partijiet ikkonċernati.

**139** B'mod partikolari, il-governanza tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża fl-UE tinsab fil-proċess li tinbidel b'mod fundamentali<sup>187</sup>. Bl-istabbiliment tal-Fond Ewropew għad-Difiża, il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-baġit tal-UE issa huma involuti fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża, qasam li tradizzjonalment kien regolat b'arranġamenti intergovernattivi. Il-Fond Ewropew għad-Difiża għandu l-għan li jgħaqqad żewġ sistemi differenti u kumplessi – is-sistemi ta' difiża tal-UE u dawk nazzjonali – li kull waħda minnhom għandha karatteristiċi operazzjonali, tradizzjonijiet u regoli speċifiċi<sup>188</sup>.

**140** Fl-aħħar nett, minn perspettiva ta' obbligu ta' rendikont, il-korpi, il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK ma għandhomx arranġamenti simili ta' awditjar u kwittanza (ara l-paragrafi **26** u **27**). B'mod partikolari, il-missjonijiet militari tal-EDA u tal-PSDK ma għandhomx sorveljanza mill-Parlament Ewropew, għandhom arranġamenti speċifiċi ta' awditjar, u għalissa ma jaqgħux taħt il-mandat ta' awditjar tal-QEA. Kif innotat fil-passat, il-QEA tqis li jenħtieġ li hija tinħatar sabiex taġixxi bħala awditur estern tal-korpi kollha stabbiliti biex jimplimentaw il-politiki tal-UE, inkluża l-EDA<sup>189</sup>.

**141** L-iżvilupp ta' kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tad-Difiża, b'mod partikolari permezz ta' inizjattivi ġodda bħall-PESCO, il-CARD u l-Fond Ewropew għad-Difiża, huwa probabbli li joħloq kumplessità addizzjonali. Fil-fatt, filwaqt li l-inizjattivi support li jsaħħu lil xulxin, huma distinti u għandhom bażijiet ġuridiċi differenti, u għalhekk jistgħu jkunu soġġetti għal arranġamenti ta' awditjar u kwittanza differenti (ara l-**Annex VI**). Dan jista' jimpedixxi kontroll effettiv u komprensiv fuq il-politika ta' sigurtà u ta' difiża tal-UE. Il-Parlament Ewropew kemm-il darba talab lill-Istati Membri jżidu t-

<sup>187</sup> Dick Zandee “Developing European defence capabilities - bringing order into disorder” (Iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża Ewropej - stabbiliment tal-ordni fid-diżordni), Clingendael Institute, Ottubru 2017.

<sup>188</sup> Burkard Schmitt, “The European Defence Fund – a potential game-changer for European Defence (Il-Fond Ewropew għad-Difiża – game-changer potenzjali għad-Difiża Ewropea” ġo *European Files*, l-Assoċjazzjoni tal-Industriji Ajruspazjali u tad-Difiża tal-Ewropa, Ġunju 2018.

<sup>189</sup> Il-QEA, Ir-Rapport analitiku, “Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027”, Lulju 2018, il-paragrafu 33.

trasparenza, l-obbligu ta' rendikont, u s-sorveljanza parlamentari tal-PSDK f'konformità mas-setgħat tiegħu f'oqsma oħra<sup>190</sup>.

---

<sup>190</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2018 dwar ir-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (2018/2099(INI)), il-paragrafi 60-63.

## Osservazzjonijiet finali

**142** Sa ftit taż-żmien ilu, kien hemm azzjoni limitata fil-qasam tad-difiża fil-livell tal-UE u ma teżistix Unjoni Ewropea tad-Difiża. Madankollu, bi tweġiba għal ambjent globali ġdid li joffri sfidi, l-UE żviluppat ambizzjonijiet ġodda u nediet inizjattivi ġodda biex issaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.

**143** F'dan ir-rapport analitiku, l-għan tagħna kien li nissottolinjaw xi wħud mill-isfidi ewlenin assoċjati mal-livell ta' ambizzjoni ġdid tal-UE fil-qasam tad-difiża u maż-żieda proposta fil-finanzjament. Billi għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat l-impatt tal-inizjattivi reċenti tal-UE, il-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE fil-qasam tad-difiża għad irid jintwera fil-prattika.


**144** Il-kontribut għal kapaċità aħjar ta' difiża fl-Ewropa jfisser li wieħed imur lil hinn mill-kliem u jirrikjedi l-implimentazzjoni effettiva ta' inizjattivi reali, bil-għan li tiġi appoġġata industrija tad-difiża Ewropea kompetittiva u jissaħħu l-kapaċitajiet militari tal-Istati Membri f'komplementarjetà sħiħa man-NATO. Fl-aħħar mill-aħħar, is-suċċess u l-ġejjieni tal-UE fil-qasam tad-difiża jiddependu kompletament fuq ir-rieda politika tal-Istati Membri, billi huma għandhom ir-rwol ċentrali fl-arkitettura tad-difiża tal-Ewropa.

Dan ir-Rapport Analitiku ġie adottat mill-Awla III fil-laqgħa tagħha tal-16 ta' Lulju 2019.

*Għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri*

Klaus-Heiner LEHNE  
*President*


## Anness I — Kronoloġija



Sors: il-QEA.

## Anness II — Il-qafas istituzzjonali tad-difiża Ewropea: dominju kumpless u b'ħafna atturi

Istituzzjonijiet u  
aġenziji tal-UE



Stati Membri – Oqfsa  
multilaterali ta' difiża

OCCAR

Ċentru  
Ewropew  
għall-Koordinazzjoni  
tal-Moviment

Korp  
Ewropew

EI2

Nordefco

Grupp ta'  
Visegrad

Organizzazzjonijiet  
internazzjonali

NAZZJONIJIET  
UNITI

NATO

ORGANIZZAZZJONI  
GĦAS-SIGURTÀ U L-  
KOOPERAZZJONI FL-  
EWROPA

UNJONI  
AFRIKANA

Stati terzi li jipparteċipaw  
f'missjonijiet tal-PSDK



Sħab prinċipali

Sors: il-QEA.

## Anness III — Prijoritajiet ta' kapaċità identifikati f'dokumenti ewlenin tal-UE, 2013-2019

	Kunsill Ewropew tal-2013	CDP tal-2014	Strateġija Globali tal-UE tal-2016	CDP tal-2018
<b>Fl-Ajru</b>	Vettura tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAV) Riformiment ta' fjuwil fl-ajru	Kapaċitajiet tal-Ajru bejn iż-żoni tal-Operazzjonijiet Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew		Mobbiltà bl-Ajru Superjorità fl-Ajru Integrazzjoni tal-kapaċitajiet militari tal-ajru f'settur tal-avjazzjoni li qiegħed jinbidel
<b>Kmand, Kontroll, Informazzjoni u Ċibernetika</b>	Ċiberdifiża Komunikazzjoni bis-satellita	Kontra t-Theddidiet Ċibernetiċi (Ċiberdifiża) Servizz ta' informazzjoni bbażat fl-ispażju Titjib tas-Servizzi ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni tal-Ispażju tal-Battalja Inġenju tal-Ajru Ppilotat mill-Bogħod li jipprovi Sorveljanza Forniment ta' Kapaċitajiet ta' Komunikazzjoni bis-Satellita	Intelligence, Sorveljanza u Rikonjizzjoni Aċċess awtonomu għall-ispażju u osservazzjoni permanenti tad-dinja Kapaċitajiet diġitali u teknoloġiji ċibernetiċi Sistemi ta' Inġenju tal-Ajru Ppilotat mill-Bogħod	Abilitazzjoni tal-kapaċitajiet għall-operazzjonijiet ta' rispons għall-inċidenti ċibernetiċi Servizzi ta' informazzjoni u komunikazzjoni bbażati fl-ispażju Superjorità tal-informazzjoni
<b>Fuq l-Art</b>		Kapaċitajiet ta' kumbattiment fiż-żona tal-operazzjonijiet Titjib tal-Appoġġ Loġistiku għall-Forzi Skjerati Forniment ta' Appoġġ Mediku għall-Operazzjonijiet		Kapaċitajiet ta' kumbattiment fuq l-art Kapaċitajiet ta' appoġġ loġistiku u mediku msaħħa
<b>Marittimu</b>		Pattulja u Skorta Marittimi Sistemi ta' Sorveljanza navali		Manuvrabbiltà navali Kontroll taħt l-ilma li jikkontribwixxi għar-reżiljenza fil-baħar
<b>Trasversali</b>		Enerġija u Marsien tal-Ambjent Immodellar, Simulazzjoni u Sperimentazzjoni	Spettru sħiħ ta' kapaċitajiet fuq l-art, fl-ajru, spazjali u marittimi, inklużi l-abilitaturi strateġiċi	Kapaċitajiet trasversali li jgħinu biex jintlaħaq il-livell ta' ambizzjoni tal-UE

Sors: Il-QEA bbażat fuq:

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2013;

Il-Pjanijiet ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet tal-2014 u tal-2018;

L-Istrateġija Globali tal-UE tal-2016.

## Anness IV — Karatteristiċi ewlenin tas-sottosetturi tal-industrija tad-difiża tal-UE (Ajruspazjali, Art, Navali) 1/2

	Fatturat (EUR biljun)	Impjeggi	Eżempju ta' prodotti	Lokazzjonijiet prinċipali	Kumpaniji prinċipali tal-UE	Partijiet ikkonċernati prinċipali mhux tal-UE	Karatteristiċi ewlenin tal-industrija tal-UE
Ajruspazjali	45	187 000	Inġenji tal-ajru Magni ajrunawtiċi Ħelikopters Missili Sistemi spazjali	Franza Il-Ġermanja L-Italja L-Iżvezja Ir-Renju Unit	BAE Systems (UK) Airbus (UE) Thalès (Fr) Leonardo (It) MBDA (UE)	Lockheed Martin Corp. (US) Boeing (US) Raytheon (US) Northrop Grumman Corp. (US) General Dynamics Corp. (US)	<p>Is-settur jinkludi għadd żgħir ta' gruppi industrijali kbar u bosta SMEs u Kumpaniji b'Kapitalizzazzjoni Medja fil-katina tal-provvista.</p> <p>Huwa għandu livell għoli ta' konsolidament fuq livell nazjonali u Ewropew, b'kumpaniji globali bħal Airbus u EADS. Madankollu, il-kumpaniji prinċipali tal-UE huma relattivament żgħar meta mqabbla mal-kontropartijiet tagħhom tal-Istati Uniti.</p> <p>Is-settur huwa intensiv fir-R&amp;Ż (sa 30 % tal-kostijiet totali għal ajruplan tal-ġlied) u huwa interkonness b'mod qawwi mas-settur ċivili. Ħlief għal ftit każijiet (bħal BAE Systems, MBDA u Saab), il-kumpaniji ewlenin huma involuti f'attivitajiet b'użu doppju u ma jiddependux kompletament fuq is-settur tad-difiża.</p>
Fuq l-art	28	258 000	Vetturi blindati (Karrijiet armati prinċipali, eċċ.) Artillerija Armi u munizzjon żgħar Magni Sensors C4ISR	Franza Il-Ġermanja L-Italja Ir-Renju Unit Il-Finlandja	BAE Systems (UK) Leonardo (It) Rheinmetall (De) Krauss-Maffei Wegmann (De) Nexter (Fr)	General Dynamics (US) Oshkosh Corp. (US) Textron (US) Mitsubishi Heavy Industries (Jp) Indian Ordnance Factories (In) High Precision Systems (Ru) Uralvagonzavod (Ru)	<p>Is-settur huwa anqas konċentrat milli f'dak ajruspazjali. L-integraturi prinċipali huma kkonċentri fil-pajjiżi tal-Lol. Madankollu, l-SMEs għandhom rwol sinifikanti bħala sottokuntratturi u fornituri ta' prodotti speċjalizzati li joperaw fi swieq niċċa madwar l-UE.</p> <p>L-istabbiliment tal-impriża konġunta "KNDS" bejn Nexter u Krauss-Maffei Wegmann juri konsolidament reċenti tas-settur fl-UE.</p> <p>Is-settur huwa relattivament aktar dipendenti fuq id-difiża u s-sjieda pubblika għadha preżenti.</p> <p>Is-settur huwa wkoll anqas intensiv fir-R&amp;Ż (&lt; 15 % għall-programm tal-armamenti bbażat fuq l-art) minn dak ajruspazjali u hemm anqas opportunitajiet ta' użu doppju.</p>
Navali	22		Bastimenti tal-wiċċ Bastimenti amfibi Sottomarini Armi navali	Franza Il-Ġermanja L-Italja Ir-Renju Unit Spanja In-Netherlands	BAE Systems (UK) Naval Group (Fr) ThyssenKrupp (De) Fincantieri (It) Navantia (Sp) Damen (NI)	Northrop Grumman Corp. (US) General Dynamics Corp. (US) Huntington Ingalls Industries (US) United Shipbuilding Corp. (Ru)	<p>Il-fornituri Ewropej huma kkonċentri madwar sitt kumpaniji navali ewlenin li jaġixxu bħala kuntratturi ewlenin u integraturi tas-sistemi. Min-natura tiegħu, is-settur jibbaża fuq katina ta' provvista diversifikata, magħmula minn għadd kbir ta' fornituri speċjalizzati, ħafna drabi b'rabtiet ma' setturi oħra, b'mod partikolari l-elettronika (Thales) jew l-ajruspazjali għall-armi jew il-magni (Rolls Royce u MBDA).</p> <p>Is-settur huwa relattivament dipendenti fuq id-difiża (ħlief għal Fincantieri). Is-sjieda Statali hija relattivament għolja (Naval group, Fincantieri u Navantia) u l-kumpaniji prinċipali tal-UE (ħlief BAE Systems) ġeneralment huma speċjalizzati fis-settur navali.</p> <p>L-opportunitajiet li jinħolqu mit-teknoloġiji b'użu doppju huma kkunsidrati dejjem aktar fil-katina tal-provvista.</p>

Sorsi: II-QEA, ibbażat fuq:  
ASD facts and figures 2017

L-istudju għas-Sottokomitat tal-Parlament Ewropew għas-Sigurtà u d-Difiża – "The development of a European Defence Technological and Industrial Base (EDTIB)" (L-iżvilupp ta' Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) – Ġunju 2013

L-istudju kkummissjonat mill-EDA dwar il-Kompetenzi Industrijali u Teknoloġiċi fis-Settur Navali – 2016

TNO - Development of a European Defence Technological and Industrial Base (L-iżvilupp ta' Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea) – 2009

IKEI Research and Consultancy - Study on the Perspectives of the European Land Armement sector (Studju dwar il-Perspettivi tas-settur tal-Armamenti ta' Fuq l-Art Ewropew) – 2012

## Anness IV — Karatteristiċi ewlenin tas-sottosetturi tal-industrija tad-difiża tal-UE (Ajruspazjali, Art, Navali) 2/2

	Kollaborazzjoni tal-UE	Programmi kollaborattivi prinċipali	Kapaċitajiet, kompetenza, kompetittività
<b>Ajruspazjali</b>	<p>Karatteristika ewlenija tas-settur ajruspazjali hija l-livell relattivament għoli ta' kooperazzjoni u integrazzjoni fl-UE meta mqabbel ma' setturi oħra.</p> <p>F'dawn l-aħħar ftit deċennji saru għadd sinifikanti ta' programmi kollaborattivi bilaterali sa multilaterali fi ħdan l-UE, fl-ajruplani tal-ġlied, il-ħelikopters, il-UAVs, il-missili u s-sistemi spazjali.</p> <p>Madankollu, fl-imgħoddi seħħew duplikazzjonijiet ta' programmi dwar l-ajruplani tal-ġlied (Rafale, Gripen u Eurofighter).</p>	<p>A400</p> <p>NH-90</p> <p>Eurofighter Typhoon</p> <p>MALE RPAS</p> <p>Meteor</p> <p>Tiger</p>	<p>Is-settur huwa kapaċi jipprovdi kapaċitajiet militari ewlenin u teknoloġiji mill-aktar avvanzati, bħal ajruplani tal-ġlied moderni, missili, ħelikopters u trasport bl-ajru strateġiku u kapaċitajiet ta' tanker fl-ajru.</p> <p>Teżisti diskrepanza teknoloġika fid-Droni ta' Reżistenza Twila f'Altitudni Medja (MALE) li sa issa kienu jinxtrow prinċipalment mill-Istati Uniti u l-Iżrael. Madankollu, bosta proġetti kollaborattivi jinsabu għaddejnin fil-livell tal-UE (eż. il-MALE RPAS Ewropea).</p> <p>L-industrija attwalment tinsab f'pożizzjoni tajba fis-suq globali bl-aqwa atturi. Xi prodotti tal-UE kellhom rekords b'saħħithom ta' esportazzjoni, eż. l-ajruplani tal-ġlied (Rafale u Typhoon), il-missili (MBDA) jew il-ħelikopters (Eurocopter). Madankollu, is-suq għadu ddominat mill-kumpaniji prinċipali tal-Istati Uniti u kompetituri emerġenti jistgħu jissfidaw il-kompetittività tal-industrija tal-UE f'dan is-settur.</p>
<b>Fuq l-art</b>	<p>Il-proġetti kollaborattivi tal-UE fl-industrija tal-armamenti ta' fuq l-art kienu limitati ħafna. Is-settur huwa kkaratterizzat minn duplikazzjoni tal-kapaċitajiet tul il-fruntieri nazzjonali. Pereżempju, fl-2018 kien hemm 17-il tip ta' vettura armata tal-infanterija fl-UE.</p> <p>Jeżistu opportunitajiet għal aktar programmi kollaborattivi bil-karru armat prinċipali Ewropew u sistema tal-artillerija futura li għandha tiġi żviluppata minn Franza u mill-Ġermanja.</p>	<p>Boxer</p>	<p>Is-settur huwa kapaċi jiddisinja, jimmanifattura, itejjeb u jappoġġa l-kapaċitajiet militari ewlenin għal gwerra fuq l-art, bħall-karrijiet armati prinċipali u l-vetturi armati għall-ġlied, il-munizzjon, il-munizzjon ta' preċiżjoni, is-sistemi tal-artillerija u l-lanċaturi tal-missili.</p> <p>Is-settur għandu prestazzjoni b'saħħitha fl-esportazzjonijiet (Leopard u vetturi blindati) lejn ix-Xlokk tal-Asja, l-Indja, il-pajjiżi tal-Lvant Nofsani, il-Brażil jew l-Awstralja.</p> <p>Il-kompetizzjoni fis-suq globali tinvolvi atturi minn pajjiżi minn madwar id-dinja (l-Istati Uniti, ir-Russja, il-Ġappun, l-Iżrael, l-Indja u l-Korea t'Isfel). Il-kompetittività tal-industrija tal-UE hija affettwata mid-daqs relattivament żgħir tal-kumpaniji prinċipali tal-UE, b'mod partikolari meta mqabbel mal-kompetituri tagħhom tal-Istati Uniti.</p>
<b>Navali</b>	<p>L-esperjenza bi proġetti kollaborattivi tal-UE kienet limitata fis-settur navali, u seħħet prinċipalment fuq bażi bilaterali (FREMM bejn l-Italja u Franza).</p> <p>Is-settur baqa' organizzat tul il-fruntieri nazzjonali, b'60 % sa 80 % tal-materjali, il-komponenti u s-sistemi miksuba fil-livell nazzjonali mill-kuntratturi ewlenin. Dan jitlew għal 95 % jekk titqies il-kooperazzjoni tal-UE fil-katina tal-provvista.</p>	<p>FREMM</p>	<p>L-industrija navali Ewropea hija kapaċi tiddisinja, tintegra u tipproduċi l-firxa sħiħa ta' kapaċitajiet ewlenin fis-settur navali, minn bastimenti għal kważi s-sistemi u l-komponenti ewlenin kollha. Ma hemm ebda dipendenza fuq pajjiżi mhux tal-UE għas-sistemi kritiċi.</p> <p>L-industrija hija kompetittiva ħafna fis-swieq internazzjonali, kif rifless minn sehem mis-suq u riżultati fl-esportazzjoni b'saħħithom, speċjalment f'segmenti tas-suq b'valur miżjud oġhla bħas-sottomarini, id-destroyers u l-frejgati.</p> <p>Is-settur navali huwa dejjem aktar dipendenti fuq l-esportazzjonijiet. Is-swieq prinċipali tal-esportazzjoni huma l-Lvant Nofsani, l-Afrika, l-Asja u l-Amerka t'Isfel. Hemm żieda fil-kompetizzjoni miċ-Ċina, il-Korea t'Isfel u r-Russja.</p>

Sorsi: II-QEA, ibbażat fuq:

ASD facts and figures 2017

L-istudju għas-Sottokomitat tal-Parlament Ewropew għas-Sigurtà u d-Difiża – “The development of a European Defence Technological and Industrial Base (EDTIB)” (L-iżvilupp ta' Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) – Ġunju 2013

L-istudju kkummissjonat mill-EDA dwar il-Kompetenzi Industrijali u Teknoloġiċi fis-Settur Navali – 2016

TNO - Development of a European Defence Technological and Industrial Base (L-iżvilupp ta' Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea) – 2009

IKEL Research and Consultancy - Study on the Perspectives of the European Land Armement sector (Studju dwar il-Perspettivi tas-settur tal-Armamenti ta' Fuq l-Art Ewropew) – 2012

## Anness V — Analiżi SWOT<sup>191</sup> – EDTIB

Punti ta' forza	Dgħufijiet
Il-preżenza ta' mexxejja Ewropej fis-swieq globali	Suq tad-difiża frammentat b'kapaċità żejda, duplikazzjonijiet u ekonomiji ta' skala mitlufa
Il-kapaċità li tiġi ddisinjata u prodotta firxa wiesgħa ta' prodotti militari fis-segmenti ajruspazjali, tal-art, navali u tal-elettronika.	Iż-żieda fil-kostijiet tat-tagħmir u s-sistemi tad-difiża
L-esperjenza fil-kooperazzjoni multinazzjonali (b'mod partikolari fis-settur ajruspazjali)	Il-livell relattivament baxx ta' nfiq fuq l-R&Ż
Forza tax-xogħol b'ħiliet għoljin	In-nuqqas ta' akkwisti u R&Ż kollaborattivi dwar id-difiża
	Id-diverġenza fil-politiki tal-esportazzjoni tal-Istati Membri
	L-aċċess limitat għas-swieq transfruntiera fi ħdan l-UE, b'mod partikolari għall-SMEs
Opportunitajiet	Theddidiet
It- tkabbir fin-nefqa militari globali	Il-kompetizzjoni minn kompetituri tradizzjonali u emerġenti
L-ispinta għall-kooperazzjoni tal-UE fil-qasam tad-difiża appoġġata mill-Istati Membri	It-telf ta' kapaċità innovattiva u ta' superjorità teknoloġika, li jxekkel il-kompetittività globali
It-tnedija ta' programmi kollaborattivi kbar ġodda (il-programm Future Combat Air Systems, Eurodron MALE, il-Karru Armat Prinċipali Ewropew)	Is-sigurtà tal-provvista b'dipendenza akbar fuq ktajjen ta' provvista internazzjonali u kumplessi
Il-potenzjal ta' razzjonalizzazzjoni u ristrutturar, b'mod partikolari fis-settur tal-art u navali	L-ebda preferenza għall-użu tal-fornituri tal-UE mill-Istati Membri
Il-possibiltajiet ta' użu doppju u l-interazzjoni akbar mas-settur ċivili	L-ostakoli kbar għad-dħul fis-suq mhux tal-UE

Sors: il-QEA.

<sup>191</sup> Punti ta' Forza, Dgħufijiet, Opportunitajiet u Theddidiet.

## Anness VI — Arranġamenti prinċipali tal-awditjar fil-qasam tad-Difiża tal-UE

	II-QEA	II-Kulleġġ(i) tal-Awdituri	Istituzzjonijiet u korpi nazjonali tal-awditjar	
QFP attwali (2014-2020)	Kapitolu tal-PESK li jinkludi l-missjonijiet ċivili tal-PSDK	X		
	Nefqiet amministrattivi tas-SEAE, inkluż l-Istat Maġġur tal-UE	X		
	Missjonijiet militari tal-PSDK Kostijiet operazzjonali komuni (mekkaniżmu ATHENA)		X	
	Missjonijiet militari tal-PSDK Kostijiet operazzjonali individwali		X	
	Aġenziji tal-PSDK, inkluża l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża		X	X
	Faċilità għall-Paċi fl-Afrika	X		
	PESCO - Proġetti mingħajr finanzjament mill-baġit tal-UE			?
	PESCO - Proġetti b'finanzjament mill-baġit tal-UE	X		
	PADR	X		
	EDIDP	X		
	Tishiġ tal-Kapaċitajiet għas-Sigurtà u l-Iżvilupp (iffinanzjat taħt l-IcSP)	X		
QFP 2021-2027	Fond Ewropew għad-Difiża*	X		
	Faċilità għall-Paċi fl-Afrika**	X		
	Mobbiltà militari*	X		

\* Ibażat fuq il-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni

\*\* Ibażat fuq il-proposta tar-Rappreżentant Għoli u Vċi President

Sors: il-QEA.

## Akronimi u abbrevjazzjonijiet

**CARD:** Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża

**CBSD:** Tishiĥ tal-kapaċitajiet għas-sigurtà u l-iżvilupp

**CDP:** Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet

**CIVCOM:** Kumitat għall-Aspetti Ċivili tal-Maniġġar ta' Kriżijiet

**CPCC:** Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija

**DĠ GROW:** Id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs

**DTIB:** Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża

**EDA:** Aġenzija Ewropea għad-Difiża

**EDIDP:** Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża

**EDTIB:** Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea

**EUGS:** Strateġija Globali tal-Unjoni Ewropea

**EUMC:** Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea

**EUMS:** Stat Maġġur tal-Unjoni Ewropea

**FPA:** Faċilità għall-Paċi fl-Afrika

**FPI:** Strumenti tal-Politika Barranija

**IISS:** Istitut Internazzjonali għall-Istudji Strateġiċi

**IPSD:** Pjan ta' Implimentazzjoni dwar is-Sigurtà u d-Difiża

**LoI:** Ittra ta' Intenzjoni

**MPCC:** Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija

**NATO:** Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana

**NORDEFKO:** Kooperazzjoni Nordika fil-Qasam tad-Difiża

**OCCAR:** Organizzazzjoni Konġunta għall-Kooperazzjoni fil-Qasam tal-Armamenti

**PADR:** Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża

**PESCO:** Kooperazzjoni Strutturata Permanenti

**PESK:** Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni

**PSDK:** Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni

**QEA:** Qorti Ewropea tal-Awdituri

**QFP:** Qafas Finanzjarju Pluriennali

**R&T:** Riċerka u Teknoloġija

**R&Ż:** Riċerka u Żvilupp

**RGħ/VP** Ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

**SEAE:** Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

**SIPRI:** Istitut Internazzjonali ta' Riċerka dwar il-Paċi ta' Stokkolma

**SME:** Intrapriżi Żgħar u Medji

**TUE:** Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

# Tim tal-QEA

Dan ir-Rapport Analitiku tal-QEA dwar id-Difiża Ewropea ġie adottat mill-Awla III Azzjoni esterna/Sigurtà u ġustizzja. Dan il-kompitu tmexxa minn Juhan Parts, Membru tal-QEA, li ngħata appoġġ minn Ken-Marti Vaher, Kap tal-Kabinett u Margus Kurm, Attaché tal-Kabinett.

## **TWISSIJA DWAR ID-DRITTIJET TAL-AWTUR**

© L-Unjoni Ewropea, 2019.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li ssir referenza għas-sors.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Figura 1, mappa: © [OpenStreetMap contributors](#). Il-kartografija fit-tiles tal-mappa hija suġġetta għal-liċenzja [Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 \(CC BY-SA\)](#).

Id-difiża hija dominju speċifiku, fil-qalba tas-sovranità nazzjonali tal-Istati Membri. Sa ftit taż-żmien ilu, kien hemm azzjoni limitata fil-qasam tad-difiża fil-livell tal-UE. Madankollu, bi tveġiba għal ambjent globali ġdid li joffri sfidi, l-UE nediet inizzjattivi ġodda relatati mad-difiża sabiex issaħħa il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Dan poġġa d-difiża b'mod ċar fiċ-ċentru tal-attenzjoni tal-QEA, billi ż-żieda sinifikanti u rapida fil-finanzjament assoċjat mal-ambizzjonijiet u l-inizzjattivi l-ġodda tal-UE tinvolvi riskji ta' prestazzjoni.

Għalhekk, il-QEA ħejjiet dan ir-rapport analitiku, li mhux awditu iżda rieżami analitiku bbażat fuq analiżi dokumentarja tal-pubblikazzjonijiet dwar is-suġġett u intervisti ma' persunal minn istituzzjonijiet u korpi tal-UE u oħrajn. Huwa jiffoka b'mod speċifiku fuq (i) il-qafas legali, istituzzjonali u finanzjarju fil-qasam tad-difiża u (ii) is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-kapaċitajiet u l-industrija tad-difiża tal-Istati Membri. L-idea ta' dan ir-rapport analitiku hija li jeżamina x-xenarju attwali tal-kooperazzjoni tal-UE fil-qasam tad-difiża u li jissottolinja xi wħud mir-riskji prinċipali assoċjati mal-livell il-ġdid ta' ambizzjoni u mal-inizzjattivi relatati mad-difiża tal-UE li żviluppaw f'dawn l-aħħar snin.

Sabiex isir kontribut biex titjieb il-kapaċità ta' difiża fl-Ewropa jenħtieġ li wieħed imur lil hinn mid-diskors u jwettaq implimentazzjoni effettiva ta' inizzjattivi reali, bil-għan li tiġi appoġġata l-kompetittività tal-industrija tad-difiża Ewropea u jissaħħu l-kapaċitajiet militari tal-Istati Membri f'komplementarjetà sħiħa man-NATO. Fl-aħħar mill-aħħar, is-suċċess u l-ġejjieni tal-UE fil-qasam tad-difiża jiddependu kompletament fuq ir-rieda politika tal-Istati Membri, billi huma għandhom ir-rwol ċentrali fl-arkitettura tad-difiża tal-Ewropa.

## IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

12, rue Alcide De Gasperi  
1615 Luxembourg  
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: [eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx](https://eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx)

Sit web: [eca.europa.eu](https://eca.europa.eu)

Twitter: @EUAuditors

© Unjoni Ewropea, 2019

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.



IL-QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI